

# ALLA U L-BNIEDEM: storja li tkompli

Ktieb tar-Reliġjon tas-sitt sena tal-Primarja

# ALLA U L-BNIEDEM: storja li tkompli



Ktieb tar-Reliġjon tas-sitt sena tal-Primarja



# Alla u l-Bniedem: storja li tkompli

Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar-reliġjon fis-sitt klassi tal-iskola primarja

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2012
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali

© 2012 Segretarjat għall-Katekeżi, Malta

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ppubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.

**Kitba ta' Jesmond Aquilina, Brian Bajada, Darren Bonnici, Joseph Bonnici, Rita Debono Muscat, Sharon Muscat, Paul Rapa u Roberto Zammit.** **Ħajr ukoll lil Antoinette Laferla, Kathleen Bonello, Mansy Cutajar u Chris Cardona.**

Ħajr lill-membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lil Rev. Dr Hector Scerri u Rev. Dr René Camilleri għall-pariri esperti tagħhom, lil Robbie Mamo għall-qari tal-provi u lil Mariosa Micallef.

**Disinn ta' Outlook Coop**
**Illustrazzjonijiet ta' Naomi Gatt**

Nihil Obstat
18 ta' Settembru 2012
Dun Hector Scerri
Cens. Theol.

Imprimatur
18 ta' Settembru 2012
+ Pawlu Cremona op
Arċisqof ta' Malta
President tal-Konferenza Episkopali

Stampat mill-Printit Printing Services

ISBN 978-99957-0-368-4

# Alla u l-bniedem: storja li tkompli

**Ir-Reliġjon bħala suġġett ta' studju fl-iskola sikwit jieħu bixra ta' suġġett ta' storja għaliex jirrakkonta stejjer li ġraw fil-passat u li aħna b'xi mod għadna nħossuhom rakkonti marbuta mill-qrib mal-kultura li tiffurmana.**

Hu veru li fil-mixja ta' fidi tagħna hemm rakkonti fl-istorja li jibqgħu dejjem punti ta' riferiment f'kull żmien. Imma hu daqstant ieħor veru li r-reliġjon, kif joħroġ ċar minn dan il-ktieb tas-sitt sena tal-Primarja, hi storja li tkompli, storja li għadha qed tiżvolġi ruħha fil-ħajja tal-umanità.

Dan ma jgħoddx għar-Reliġjon Nisranija biss għax fir-verità kull Reliġjon tirrappreżenta fl-istorja twila tal-umanità s-sens ta' tfittxija tal-bniedem biex jifhem xi ħaġa li dejjem ħass hi ikbar minnu u lil hinn mill-qabda tiegħu. Ir-Reliġjonijiet fiċ-ċiviltajiet differenti jirrappreżentaw tradizzjonijiet ta' għerf u għarfien ta' rikkezza li ma titkejjilx. Hu propju għalhekk li llum, f'dinja globalizzata, ma nistgħux naffordjaw li r-Reliġjonijiet jibqgħu mifruda minn xulxin jew li jkunu antagonisti għal xulxin. Id-djalogu inter-reliġjuż illum huwa neċessità kemm biex il-bniedem jifhem iżjed l-għeruq tiegħu nifsu li jmur eluf u eluf ta' snin fl-imgħoddi, kif ukoll biex fid-dinja jkun hawn il-paċi mixtieqa.

Dan il-ktieb tal-aħħar sena tal-edukazzjoni Primarja jiftaħ din il-panorama wiesgħa lill-istudenti li tifrex sa mill-qedem u tipprova tinkarna r-reliġjon fil-ħajja tal-bniedem illum. Ir-Reliġjon Nisranija hija speċifikament ir-Reliġjon tal-inkarnazzjoni, jiġifieri temmen li Alla sar bniedem bħalna f'Ġesù ta' Nażaret. Għalhekk għalina r-Reliġjon għandha l-għeruq tagħha fl-istorja ta' dan il-Bniedem – Alla, imma tibqa' dejjem storja li tkompli fl-istorja ta' ħajjitna u fl-istejjer li ngħaddu minnhom u li jinsġu aħna min aħna.

**Rev Dr René Camilleri**
Delegat għall-Katekeżi

**...storja li tkompli fl-istorja ta' ħajjitna u fl-istejjer li ngħaddu minnhom u li jinsġu aħna min aħna**





# Werrej


## 1. Storja ta' mħabba

1.1 In-nies tal-qedem u l-allat tagħhom .......... 6
1.2 Il-proċess fil-ħajja tal-bniedem.................... 8
1.3 Il-ġrajjiet li jdawru ħajjitna .......................... 10
1.4 It-Testment il-Qadim.................................. 12
1.5 Ġrajjiet importanti fit-Testment il-Ġdid ..... 15
1.6 Il-komunikazzjoni
bejn Alla u l-bniedem .................................... 1.7
1.7 Il-vuċi t'Alla fil-bniedem ............................ 18
1.8 X'ħadna minn dan il-Kapitlu? .................. 20

## 2. Il-Bibbja

2.1 L-istorja tas-Salvazzjoni.............................. 22
2.2 It-tqassim fil-Bibbja.................................... 24
2.3 Il-messaġġ t' Alla għalina.......................... 26
2.4 X' qed jgħidilna Alla.................................... 28
2.5 Kif nużaw il-Bibbja...................................... 30
2.6 Ittra ta' mħabba.......................................... 32
2.7 Il-postijiet u l-ġrajjiet .................................. 34
2.8 Naraw x'tgħallimna!.................................. 36

## 3. Il-kalendarju

3.1 Ċelebrazzjoni............................................. 38
3.2 Nagħmlu tifkira .......................................... 40
3.3 Nagħmlu festa............................................ 42
3.4 Is-Sena Liturġika ........................................ 44
3.5 Is-Sagramenti tal-bidu................................ 46
3.6 Is-Sagramenti tal-fejqan ............................ 48
3.7 Is-Sagramenti tal-qadi ............................... 50
3.8 Ġisem wieħed ............................................ 52

## 4. It-twelid ta' Ġesù: il-Millied

4.1 Żmien sabiħ ................................................ 54
4.2 San Nikola .................................................. 56
4.3 L-imħabba t'Alla għalina............................ 58
4.4 Ġesù hu ħuna ............................................. 60
4.5 Il-Madonna ................................................. 62
4.6 Nies marbuta mal-Milied ........................... 65
4.7 Simboli marbuta mal-Milied ...................... 67
4.8 It-tradizzjonijiet tal-Milied ........................... 68

## 5. Nikkomunikaw

5.1 Il-bniedem maħluq
biex jgħix mal-oħrajn....................................... 72
5.2 Il-bniedem jikkomunika b' ħafna modi .... 74
5.3 Il-komunikazzjoni ma' Alla.......................... 76
5.4 L-Iben t'Alla jsir bniedem ........................... 78
5.5 Ġesù ġie biex isalvana .............................. 80
5.6 Aħna kapaċi naħfru .................................. 82
5.7 Ir-Rikonċiljazzjoni ........................................ 84
5.8 X'tgħallimt minn dan il-kapitlu? ................ 86

## 6. Simboli ta' mħabba

6.1 Ir-rispett ....................................................... 88
6.2 Il-ferħ .......................................................... 90
6.3 Għarfien fi Kristu.......................................... 92
6.4 L-għaqda .................................................... 94
6.5 Is-sinjali ...................................................... 96
6.6 In-nar.......................................................... 98
6.7 Il-ħobż ........................................................ 100
6.8 Id-dielja...................................................... 102




## 7. Pontijiet

7.1 Il-ħbiberija ........ 104
7.2 Jien u sħabi ........ 106
7.3 Il-fidi ........ 108
7.4 Iċ-ċelebrazzjonijiet ........ 110
7.5 Komunikazzjoni u Evanġelizzazzjoni ........ 112
7.6 Ġesù: l-akbar ħabib ........ 114
7.7 L-eżami tal-Kuxjenza ........ 116
7.8 Inħobb lill-oħrajn ........ 118

## 8. Id-dawl u d-dlam

8.1 Alla hu d-dawl tagħna ........ 120
8.2 Ġesù qam mill-mewt ........ 122
8.3 L-Għid il-Kbir u d-dawl fil-ħajja tan-Nisrani ........ 124
8.4 It-tifsira taċ-ċelebrazzjoni tal-Għid ........ 126
8.5 Il-vġili tal-Għid ........ 128
8.6 Is-simboli marbuta ........ 130
mal-Għid il-Kbir ........ 130
8.7 Sitwazzjonijiet ........ 132
8.8 It-tifsira tal-Għid ........ 134

## 9. Lanterni

9.1 Kultura u Relijġon ........ 136
9.2 L-umanità li tgħaqqadna ........ 138
9.3 Melħ u dawl ........ 140
9.4 L-ikbar kmandament: l-imħabba ........ 142
9.5 It-tlugħ fis-Sema ta' Ġesù u Pentekoste ........ 144
9.6 Ġwanni Pawlu II: miftuħ għal kulħadd ........ 146
9.7 Madre Tereża: l-imħabba lejn l-ifqar fost il-fqar ........ 148
9.8 Inħobb u nirrispetta ........ 150





## 10. It-talb

10.1 Nitkellmu ma' Alla ........ 152
10.2 Negħleb id-diffikultajiet ........ 154
10.3 Kif se nitlob? ........ 156
10.4 L-ingredjenti tat-talb ........ 158
10.5 Nitolbu lil Missierna flimkien ........ 160
10.6 It-talb fil-Bibbja ........ 162
10.7 Nitolbu llum ........ 164
10.8 Il-mixja tagħna lejn Alla ........ 166



## 11. Imsejħin biex insiru qaddisin

11.1 X' jiġifieri tkun qaddis? ........ 168
11.2 Il-beatitudnijiet ........ 170
11.3 l-Knisja bħala xirka tal-qaddisin ........ 172
11.4 L-oħrajn jiġu qabli: San Damjan ta' Molokai ........ 174
11.5 Hemm bżonn nagħżel: Santa Marija Goretti ........ 176
11.6 Il-ferħ: Il-Beata Chiara Badano ........ 178
11.7 Kulħadd għandu vokazzjoni ........ 180
11.8 Il-Qdusija fil-ħajja ta' kuljum ........ 182

# In-nies tal-qedem
## u l-allat tagħhom

Meta nħarsu lejn it-tempji Megalitiċi tal-Imnajdra jew ta' Ħaġar Qim nibqgħu impressjonati bl-għerf u s-saħħa ta' missirijietna li fasslu, bnew u lestew dawn it-tempji. Nistagħġbu aktar meta niftakru li dawn inbnew biex fihom missirijietna jiltaqgħu flimkien bħala komunità ħalli jitolbu u joffru sagrifiċċji lill-allat li kienu jaduraw.Dan jurina ċar li l-bniedem sa minn dejjem kien iħoss li hemm xi ħadd akbar li ħalqu u li tah dak kollu li għandu.
Ħafna popli maż-żmien bnew tempji biex jaduraw lill-allat tagħhom.



| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| V | E | N | E | R | E | U | V | A | L | P | O |
| F | Ż | E | U | S | N | T | Ż | T | M | K | A |
| D | R | T | N | Z | R | G | N | L | N | N | P |
| A | S | T | A | R | T | E | O | A | B | M | O |
| R | H | U | I | M | D | M | R | S | U | O | L |
| T | J | N | L | B | A | K | K | U | N | R | L |
| Ħ | P | O | S | E | J | D | O | N | U | A | O |
| U | O | P | M | E | R | K | U | R | J | U | Ġ |
| J | B | A | G | Ħ | A | L | Ħ | Ż | Ċ | R | A |
| M | A | R | A | L- | Ħ | O | X | N | A | K | V |

## Sib 1

12-il isem ta' allat, Griegi, Rumani, Eġizzjani u Maltin



## Aħseb u aħdem

In-nies ta' żmien il-qedem kienu jħossu l-bżonn li jduru lejn dawn l-allat u jagħtuhom qima. Dan il-bżonn jinsab fina wkoll. Aħseb u ikteb erba' affarijiet li llum jgħinuna biex aħna wkoll nitgħallmu nduru lejn Alla Missierna li tant iħobbna. L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.

1. li mmur nitgħallem.
2.
3.
4.

# Il-proċess fil-ħajja tal-bniedem

Il-bniedem ilu jeżisti eluf ta' snin u tul dan iż-żmien għadda minn ħafna ġrajjiet kbar. Waħda minnhom hija dik li fiha Alla beda poplu permezz ta' Abraham u l-mara tiegħu. Alla sejjaħ lil Abraham madwar is-sena 1850 qabel Kristu. Dan il-poplu kiber u sab postu fl-art ta' Iżrael li Alla wiegħed lil Abraham. Imbagħad għadda minn ħafna avventuri - xi wħud sbieħ u xi wħud koroh. Wara ġew ħafna u ħafna nies, sakemm wasalna aħna. Permezz tal-hekk imsejħa *timeline* inti tista' tieħu idea aħjar ta' meta seħħew ċerti ġrajjiet importanti matul iż-żminijiet.



## 1 Imla l-vojt

Imla din it-timeline b'dan il-kliem. In-naħa ta' fuq agħmel l-ismijiet marbutin mar-reliġjon u f'ta' taħt ikteb l-ismijiet marbutin mal-Istorja ta' Malta:

**• Abraham • Mosè • David • Profeti • Il-Kavallieri • Il-Knisja • Tempji Megalitiċi • San Franġisk • Aħna • Tinbena l-Imdina • San Pawl • L-Għarab**

# 2 L-Appostlu San Pawl

IDDISKUTI FI GRUPP

**Fittex din l-informazzjoni dwar dan l-Appostlu li nsejħulu Missierna.**

1. X'kien jismu qabel iltaqa' ma' Ġesù? ..........................................

2. Fejn kien jgħix? ..........................................

3. Fejn tgħallem? ..........................................

4. Ma' min iltaqa' fi triqtu lejn Damasku? ..........................................

5. X'għamel meta ddeċieda li jħobb lil Ġesù? ..........................................

6. Meta u fejn miet? ..........................................

## Aħseb u aħdem

1. X'inhi dik il-kwalità li tammira f'San Pawl, u li tixtieq li taħdem biex tikkultivaha fik ukoll?

..........................................



# Il-ġrajjiet li jdawru ħajjitna



Ser tagħmel *timeline* tal-ġrajjiet il-kbar ta' ħajtek jew ta' ħajjet dawk li jħobbuk.

Ħajjitna hi mimlija ġrajjiet minn dawn.

Mingħajr ma forsi tajna kas, kien hemm xi ħadd li kien magħna waqt li aħna konna għaddejjin minn dan kollu. Dan hu xi ħadd li jħobbna ħafna u idu tidderieġi l-ġrajja tagħna. Hu jaħdem fis-skiet bla ma nindunaw, bħalma tiftaħ fjura kkulurita fil-ġnien.

# Timeline

1

**Mur id-dar u ara min mill-membri tal-familja tiegħek jistgħu jgħinuk timla din it-*timeline* bil-ġrajjiet l-aktar importanti li ġraw fil-familja tiegħek.**

| | |
|---|---|
| 1950 | 1990 |
| 1960 | 2000 |
| 1970 | 2010 |
| 1980 | 2020 |



## Aħseb u ikteb

Alla l-Missier iħobbni tassew u qiegħed imexxi l-ħajja tiegħi kollha. Ġieli jkolli affarijiet ta' ferħ, imma ġieli wkoll ikolli affarijiet mhux daqshekk ta' ferħ. Imma hu li jmexxi kollox xorta hu miegħi u jgħinni f'dak kollu li ngħaddi minnu. Quddiem dan kollu, xi tħoss li għandek tgħidlu lil Alla li tant iħobbok?

..........................................................................................

..........................................................................................



# It-Testment il-Qadim



Alla tant iħobb lill-bniedem li meta ħalqu ma riedx iħallih waħdu. Il-ġrajjiet fit-*Testment il-Qadim* juru li Alla kien dejjem mal-bniedem. Imma l-bniedem mhux dejjem fehem dan u sa mill-bidu ħass li ħajtu seta' jfassalha hu waħdu mingħajr Alla. Għalhekk Alla, wara l-ħolqien, sejjaħ lil Abraham biex permezz tiegħu jagħti bidu għal poplu ġdid mibni fuq il-fidi ta' Abraham. Wara Abraham ġie t-tifel tiegħu Iżakk li minnu tnissel Ġakobb. Warajhom it-tnax-il iben ta' Ġakobb. Imbagħad, il-Poplu Lhudi issetilja għal żmien twil fl-Eġittu fejn kien mgħakkes u għex bħala poplu ta' Isiera. Alla ra t-tbatija ta' dan il-poplu u ndaħal permezz ta' Mosè biex jeħilsu minn dan il-jasar. Wara żmien fid-deżert, il-Poplu daħal fl-art Imwiegħda u hemmhekk Alla baqa' jikkomunika mal-Poplu tiegħu permezz tal-Imħallfin, il-Qassisin, is-Slaten u l-Profeti. Anke meta tbiegħdu minnu u għamlu ta' rashom, Alla baqa' jħobb lill-poplu tiegħu u b'ħafna modi baqa' jurihom it-triq tal-ferħ veru. L-aħħar fost il-profeti li permezz tagħhom Alla kien jitkellem, kien Ġwanni l-Battista.

**1** Irranġa dawn l-ismijiet imgerfxin ta' ftit min-nies importanti li jissemmew fit-Testment il-Qadim. Is-sentenzi t'hawn taħt ser jgħinuk issib l-isem.

1. DMAA.............................................
2. RHABMAA .........................................
3. KŻIAK.............................................
4. BĠKAO ...........................................
5. ÈSOM.............................................
6. VIDDA ...........................................
7. LSMANAU..........................................
8. JAIAIS ..........................................



1. L-ewwel bniedem fid-dinja
2. Kien lest li jissagrifika lil ibnu
3. Iben Abraham
4. Missieru kien jismu Iżakk
5. Hu ħareġ il-poplu mill-Eġittu
6. Kien ragħaj u ġie midluk sultan mill-Profeta Samwel
7. Kien sultan għaref ħafna
8. Profeta li ħabbar il-miġja tal-Messija

## Aħseb u aħdem

**Meta jien nonqos lil xi ħadd għandu jiddispjaċini u nitlob skuża.**

**Meta nonqos lil Alla għandi** ..........................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

# Ġrajjiet importanti



**Madwar elfejn sena ilu, Alla għażel tfajla ta' madwar ħmistax-il sena li kienet mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, u din intalbet, permezz tal-Arkanġlu Gabrijel, biex tkun Omm Alla. Hi, għalkemm ma tantx setgħet tifhem x'kien se jiġri, aċċettat u tat lid-dinja lil Ġesù, l-Iben t'Alla.**

Minn hawn jibda t-*Testment il-Ġdid.* Jgħaddu s-snin u raġel bl-isem ta' Ġwanni l-Battista jibda jxandar li wasal il-Messija. U veru! Ftit żmien wara tfaċċa Ġesù! Ġesù ġabar grupp ta' tnax-il raġel li sejħilhom Appostli u li qattgħu tliet snin flimkien miegħu waqt li kien jippriedka u jagħmel il-mirakli. Wara li Ġesù miet, l-Appostli u d-dixxipli xterdu u l-aħbar it-tajba ta' Ġesù xerrduha f'ħafna postijiet waqt li huma stess taw ħajjithom għal dak li emmnu fih. Warajhom ħafna oħrajn taw ħajjithom għal din l-aħbar, fosthom Pawlu ta' Tarsu u tant qaddisin Martri. Din l-istorja ta' xhieda kompliet u għadha tkompli sal-lum b'lista twila ta' qaddisin li, jew taw ħajjithom għall-Evanġelju ta' Ġesù jew għexu b'mod li sal-lum għadhom dawl għalina. Fost dawn insemmu lil Santu Wistin, San Franġisk t'Assisi, Santa Katerina ta' Siena, Sant'Injazju ta' Loyola, San Tumas More, u tant u tant oħrajn sa żmienna.

# Fit-Testment il-Ġdid

1

F'din il-lista jissemmew 10 qaddisin li għexu fi żminijiet differenti. Fittex ftit meta eżistew u wara poġġihom f'ordni kronoloġiku.

San Stiefnu, San Pietru, San Franġisk t'Assisi, San Tumas More, San Ġorġ Preca, Santa Marija Goretti, Sant' Elena, Papa San Piju V, San Tumas t'Akwinu, Santa Tereża ta' Avila.

1.
2.
3.
4.
5.
6.
7.
8.
9.
10.



## Aħseb u aħdem

Agħżel tliet qaddisin minn dawn u ikteb żewġ kwalitajiet li lilek jolqtuk fihom.

# Il-komunikazzjoni bejn Alla u l-bniedem

Fil-ġrajjiet tal-Bibbja nsibu kemm-il darba li Alla wera x-xewqa tiegħu lill-bniedem. Lil Abraham qallu u wiegħdu "nisel kbir" u aktar tard lil Mosè Alla wiegħdu "art li tnixxi ħalib u għasel." Lil Mosè qallu biex jeħles lill-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu. Wara, permezz ta' Mosè stess għamel ftehim ta' ħbiberija speċjali u tahom il-Kmandamenti biex jurihom kif għandhom jgħixu ħalli l-ħajja tagħhom tkun aħjar. Permezz tal-profeti kompla jikkomunika mal-bnedmin u jurihom x'ma kienx qed jogħġbu fil-ħajja tagħhom ħalli jfittxu jirranġawh u b'hekk jgħixu fis-sliem miegħu u bejniethom. Meta wasal Ġesù, dan kompla jwassal dak li Alla l-Missier ried jgħidilna u ġabar kollox fi kmandament wieħed, dak tal-imħabba: Ħobb 'l Alla u ħobb 'il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek.



# Imla l-vojt

1

**Imla bil-kliem li jonqos ħalli jkollok il-lista sħiħa tal-kmandamenti.**

Jiena hu ............................................................ sidek!

Ma jkollokx Alla ............................................................ ............................................................

La ssemmix ............................................................ t'Alla fil-............................................................

Ħares ............................................................ u l-festi ............................................................

Agħti ġieħ lil ............................................................ u lil ............................................................

La ............................................................

La ............................................................

La ............................................................

La ............................................................ ħaġa b'............................................................ .

La ............................................................ nisa tal-............................................................

La tixtieqx ............................................................ tal-oħrajn.




## Aħseb u aħdem

**a. Taħseb li l-kmandamenti jgħinuna ngħixu aħjar? Għaliex?** ............................................................

............................................................

**b. X'irid jgħidilna r-Raba' Kmandament?** ............................................................

# Il-vuċi t'Alla fil-bniedem

Il-liġi li tana Alla mhix 'il bogħod minna. Qiegħda fina stess! Insejħulha ***kuxjenza***. Il-kuxjenza hija l-vuċi t'Alla li nħossu fina: u li tgħinna nagħrfu x'għandna nagħmlu u x'għandna nevitaw biex nieħdu deċiżjonijiet tajbin. Irridu nitgħallmu nisimgħu dan il-leħen ġo fina. Il-kuxjenza rridu niffurmawha bit-tagħlim li nirċievu u bid-dawl u d-direzzjoni li jagħtuna f'ħajjitna l-Knisja, il-ġenituri, is-saċerdoti, il-katekisti, l-għalliema u nies oħrajn li jgħinuna nkunu Nsara aħjar. Il-kuxjenza tgħinna nġibu ruħna kif kien iġib ruħu Ġesù kieku kellu jkun fl-istess sitwazzjoni tagħna. Għalhekk, meta nkunu se nieħdu xi deċiżjoni, nistaqsu lilna nfusna, "Kieku Ġesù kien minfloki, x'kien jgħid? X'kien jagħmel?" It-tweġiba sinċiera tgħinna nsiru nixbhu aktar lil Ġesù u allura tgħinna nitbiegħdu minn kull ħażen li jifridna minn Alla, minna nfusna, u mill-oħrajn. Il-formazzjoni tal-kuxjenza hija xi ħaġa li fuqha n-Nisrani jrid jaħdem ħajtu kollha.



**"Kieku Ġesù kien minfloki, x'kien jgħid? X'kien jagħmel?"**

## 1 Iddiskuti dawn is-sitwazzjonijiet u ara x'inhi l-aħjar deċiżjoni skont il-kuxjenza tiegħek.

IDDISKUTI FI GRUPP

1 Waqt li tkun fil-brejk jiġi tifel ħdejk u jgħidlek biex ma tħallux lil wieħed minn sħabkom jilgħab magħkom għax filgħodu dan it-tifel kien tkellem ħażin. X'tagħmel?

2 Tkun miexi fit-triq u tara żagħżugħ Afrikan mal-art (għax għadu kemm waqa') jitlob l-għajnuna. X'tagħmel?

3 Tifla fil-klassi għamlitlek ċajta u ħadt għalik. Ftit wara kellha diffikultà fil-Matematika li int kont taf sew. X'tagħmel?



## Aħseb u aħdem

Mhux faċli li dejjem timxi skont il-kuxjenza. Għaliex?

Allura, xi trid toqgħod attent/a li tagħmel?

# X'ħadna minn dan il-Kapitlu?




1

1 **X'insejħulha l-vuċi t'Alla fina?** K.............................................

2 **Min kien l-aħħar profeta li ħabbar lil Ġesù?** Ġ............................................ l-B.............................................

3 **X'ta Alla lil Mosè u lill-poplu Lhudi biex jurihom kif għandhom jgħixu?** K.............................................

4 **X'jissejjaħ il-grupp ta' 12-il raġel li Ġesù għażel biex ikunu miegħu?** A.............................................

5 **X'żewġ wegħdiet għamel Alla lil Abraham?**

Li jkollu p............................................ kbir u li jagħtih a.............................................tajba.

6 **Alla b'min kien ikellem lill-Poplu tiegħu fit-Testment il-Qadim?** Bil-P.............................................,

bil-Q............................................., bis-S............................................ u bl-I.............................................

# Aħseb u aħdem

**Aqra 1 Samwel 3, 1-10**

Samwel ried jifhem sew x'kien qed jisma'. Allura x'għamel?

..................................................................................................

..................................................................................................

Għalfejn xi kultant ma niftehmux?

..................................................................................................

..................................................................................................

X'irridu nagħmlu biex nikkomunikaw aħjar?

..................................................................................................

..................................................................................................



**7** **X'għandna f'Malta li juruna li n-nies tal-qedem kienu jaduraw lill-allat?**

T.................................... u a.....................................

**8** **Kif kienu jaduraw lill-allat fl-antik?**

J.................................... u j.................................... s....................................

**9** **X'tgħallimt mit-*timeline* li għamilt ta' ħajtek u tal-ħajja tal-familjari tiegħek?**

A .................................... qiegħed dejjem magħna.

**10** **Taf issemmi tliet qaddisin importanti ħafna fl-istorja tal-Knisja?**

San ...................................., San ...................................., San ....................................

# L-istorja tas-Salvazzjoni

**Il-Bibbja hija sensiela ta' kotba li fiha nsibu l-istorja ta' kif Alla mexa mal-bniedem matul iż-żmien.**



## Aħseb u aħdem

# Fittex u imla 1

F'kemm-il Testment hija maqsuma l-Bibbja?

..........................................................................................

Liema Testment huwa l-ikbar?

..........................................................................................

Kemm fiha kotba l-Bibbja?

..........................................................................................

Kemm hemm Evanġelji?

..........................................................................................

Min kienu l-Evanġelisti?

..........................................................................................

Kemm hemm ittri miktuba mill-Appostli?

..........................................................................................

Min kienu l-Appostli li ħallewlna dawn l-ittri?

..........................................................................................

Lil min kitbuhom?

..........................................................................................

X'insibu fit-Testment il-Qadim?

..........................................................................................

X'insibu fit-Testment il-Ġdid?

..........................................................................................

Liema Testment huwa l-aktar importanti għalina? Għaliex?

..........................................................................................

Iftaħ il-Bibbja fuq liema paġna tkun. Poġġi subgħajk fejn ġie ġie fuq il-paġna li ftaħt u aqra s-sentenza li ssib taħt subgħajk. **Aħseb ftit u ara x'tgħidlek din is-sentenza.**

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

# It-tqassim fil-Bibbja

**Il-Bibbja hija ktieb jew ġabra ta' kotba li nkitbu minn awturi differenti tul medda twila ta' żmien. Dan wassal biex fiha nsibu diversi stili ta' kitba. Fit-Testment il-Qadim nsibu xi kotba storiċi. Oħrajn huma messaġġi li riedu jwasslu l-profeti lill-Poplu Lhudi f'isem Alla. It-Testment il-Ġdid jiġbor fih l-erba' Evanġelji u diversi Ittri miktuba minn Appostli lill-komunitajiet Insara.**

## Imla kif meħtieġ

1

**ittri, Qadim, ktieb, qabel, Ġdid, twelid, kittieba, messaġġ, Ispirtu s-Santu**

Il-Bibbja mhix magħmula biss minn ........................................ wieħed, iżda minn numru ta' kotba li ġew miktuba matul is-snin. Fihom hemm tipi differenti ta' kitbiet. Insibu: stejjer, poeżiji, ........................................, messaġġi tal-profeti u ħafna aktar. Din il-librerija ta' kotba tinqasam fi tnejn: it-Testment il-........................................ u t-Testment il-......................................... It-Testment il-Qadim huwa dak kollu li ġara ........................................ ma twieled Ġesù u t-Testment il-Ġdid huwa dak kollu li ġara mat-........................................ ta' Ġesù u wara. L-ordni tal-kotba mhix l-ordni ta' kif ġew miktuba. Il-........................................ ta' dawn il-kotba kollha ġew imnebbħa mill-........................................ biex jiktbu dak li kitbu. Dan kitbuh bil-mod tagħhom u bl-istil tagħhom, imma l-importanti hu li l-........................................ wasal għax huma kienu ispirati mill-Ispirtu biex jiktbu dak li kitbu.



## Kont taf li...?

- L-ewwel 5 kotba tal-Bibbja jissejħu l-‘Pentatewku’ u jgħidu li kitibhom Mosè.
- Il-frażi ‘La tibżgħux’ tinsab miktuba fil-Bibbja għal 365 darba, kemm hemm jiem fis-sena. Tgħid kumbinazzjoni? Jekk kuljum, nafdaw f’Alla, m’għandniex minn xiex nibżgħu.
- L-ewwel mistoqsija ta’ Alla fil-Bibbja hija, “Adam, Adam fejn int?” Hija mistoqsija li Alla għadu jsaqsi sallum il-ġurnata, kull darba li nintilfu milli nimxu fit-triq tiegħu!

## Aħseb u aħdem

- L-ewwel kelma tal-Bibbja hija.......................................................................................................
- L-aħħar kelma fil-Bibbja hija .......................................................................................................
- L-itwal ktieb fil-Bibbja huwa l-ktieb .......................................................................................
- ........................................................................... hija l-aktar annimal li jissemma fil-Bibbja.

# IL-messaġġ t'Alla għalina

Il-kotba tal-istorja ta' Malta ngħożżuhom għax jgħidulna x'ġara meta aħna ma konniex għadna neżistu. Meta naqraw l-istorja ta' pajjiżna nkunu qed nagħmlu dan biex nitgħallmu fuq l-imgħoddi tagħna u ta' missirijietna. Meta naqraw il-Bibbja nkunu qed niskopru l-fidi f'Alla kif nibtet u żviluppat f'nies bħalna u fid-dawl ta' kif irrispondew huma nkunu nistgħu nifhmu aħna kif Alla għadu jitkellem f'ħajjitna llum u tul iż-żmien.



AĦDEM FI GRUPP

## 1 Abraham

Permezz tal-kotba tal-Bibbja stess jew permezz tal-internet, fittex fil-Kotba tat-Testment il-Qadim u sib l-istorja ta' Abraham. Niżżel dawk il-punti li jolqtuk f'din il-ġrajja hekk importanti u għaliex.





## It-Testment il-Qadim

It-Testment il-Qadim hu maqsum f'46 ktieb differenti. Kollha jirrakkontaw l-istorja ta' Alla mal-bniedem sa mill-bidu. Alla huwa ċ-ċentru, imma daqstant ieħor hu l-bniedem li Alla jpoġġih fiċ-ċentru tal-imħabba tiegħu. Sa mill-ħolqien ta' kollox, Alla jidħol f'din l-istorja tal-bniedem biex isalvah minn dak kollu li jżommu lsir. Fit-Testment il-Qadim tispikka l-iktar il-wegħda tas-Salvatur. B'hekk Alla, wara li tkellem b'ħafna modi u permezz ta' ħafna nies, fl-aħħar kellimna permezz ta' Ibnu.

## It-Testment il-Ġdid

Fit-Testment il-Ġdid insibu l-ħajja u l-ħidma ta' Ġesù sal-mewt u l-qawmien tiegħu kif ukoll it-twelid tal-ewwel komunitajiet ta' dixxipli tiegħu. Dak li kien imwiegħed sa mill-bidu, dik il-Kelma, issa saret laħam, Alla li sar bniedem f'Ġesù. It-Testment il-Ġdid jirrakkonta t-twelid, il-ħajja, u dak kollu li għamel Ġesù sakemm ta ħajtu għas-salvazzjoni tagħna u hekk fih seħħet l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha.

### Aħseb u aħdem

Sib Salm 149. Aqrah, ikteb vers li jolqtok u ikteb għaliex.

Wara aqsmu ma' sħabek.



# X'qed jgħidilna Alla?

Il-Bibbja hija l-Ktieb li rridu naqraw u nistudjaw biex inkunu nistgħu naraw x'ried jgħid Alla u x'qed jgħidilna llum.

## Fittex dawn it-tweġibiet

1

1. X'kienet l-ewwel ħaġa li ħalaq Alla? ........................................................................
2. F'liema ġurnata Alla ħalaq is-siġar u l-pjanti? ..........................................................
3. X'kien jismu t-tifel ta' Abraham? ...............................................................................
4. Min irċieva l-għaxar kmandamenti mingħand Alla? ......................................................
5. X'jgħidilna l-Ħames Kmandament? ................................................................................
6. X'kien jismu ħu Mosè? ................................................................................................
7. Fil-Missierna x'ikel nitolbu lil Alla jagħtina? .............................................................
8. Il-bniedem iħares lejn l-apparenza ta' barra, imma Alla jħares lejn ....................................



# Aħseb u aħdem

**San Ġużepp kien il-missier putattiv ta' Ġesù.**
**Għal xiex l-aktar li hu magħruf u ammirat dan il-qaddis kbir?**

............................................................................................................

............................................................................................................

............................................................................................................

9. Min hu dak li missieru tah libsa b'ħafna kuluri? ........................................................................
10. Min kien mitfugħ fil-fossa mal-iljuni?..........................................................................................
11. Dan it-tifel qatel raġel qisu ġgant:..............................................................................................
12. Dan hu l-Iben t'Alla: .......................................................................................................................
13. X'kien jisimha Omm Ġesù?..............................................................................................................
14. X'kien ix-xogħol ta' San Ġużepp? ...................................................................................................
15. Kemm kellu Appostli Ġesù?...........................................................................................................
16. Liema Appostlu ttradixxa lil Ġesù? ................................................................................................
17. X'kien jismu l-baħar li fuqu Ġesù waqqaf it-tempesta?.....................................................

# Kif nużaw il-Bibbja

Il-Bibbja trid tkun taf tużaha biex tkun tista' ssib il-ġrajjiet.
Fiha, issib il-kapi, il-versi, kif ukoll in-noti fin-naħa t'isfel.

1

## Sib u ikteb dawn il-versi mill-Bibbja

AĦDEM FI GRUPP

Ġenesi 1,27:

Salmi 113,2:

Mattew 19,14:

Atti 9,4:




21,33 GENESI 23,2

hemm u reġgħu lura lejn art il-Filistin. [33]U Abraham ħawwel tamarisk f'Birsaba, u hemm sejjaħ isem il-Mulej, El-għolam, Alla ta' dejjem. [34]U baqa' jgħammar hemm għal ħafna żmien bħala frustier f'art il-Filistin.

**Il-prova ta' Abraham**

**22** [1]U wara dawn il-ġrajja Alla ried iġarrab lil Abraham u qallu: "Abraham!" U hu wieġbu: "Hawn jien!" [2]U qallu: "Aqbad lil ibnek il-waħdieni, li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih b'sagrifiċċju tal-ħruq fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek."

[3]U Abraham bakkar mas-sebħ, xedd il-ħmar tiegħu, ħa tnejn mill-qaddejja tiegħu, u lil Iżakk. Qatta' l-ħatab għas-sagrifiċċju tal-ħruq, u qam, u telaq lejn il-post li qallu bih Alla.

[4]Fit-tielet jum Abraham rafa' għajnejh, u lemaħ il-post mill-bogħod. [5]U Abraham qal lill-qaddejja tiegħu: "Oqogħdu hawn bil-ħmar, u jien u ż-żagħżugħ immorru sa hemm, u nagħtu qima u nerġgħu lura ħdejkom." [6]U Abraham qabad il-ħatab għas-sagrifiċċju, għabbieh fuq Iżakk ibnu, ħa f'idejh in-nar u s-sikkina, u telqu t-tnejn flimkien.

[7]U Iżakk qal lil Abraham missieru: "Missier!" u dak wieġbu: "Hawn jien, ibni." U Iżakk wieġbu: "Hawn huma n-nar u l-ħatab, fejn hu l-ħaruf għas-sagrifiċċju tal-ħruq?" [8]U Abraham wieġbu: "Alla jaħseb hu għall-ħaruf għas-sagrifiċċju, ibni." U baqgħu sejrin it-tnejn flimkien.

[9]U waslu fil-post li kien semmielu Alla; u hemm Abraham bena l-artal u firex il-ħatab fuqu, u rabat lil ibnu Iżakk u qiegħdu fuq l-artal, fuq il-ħatab. [10]U Abraham medd idu u qabad is-sikkina biex joqtol lil ibnu. [11]U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej mis-smewwiet u qallu: "Abraham, Abraham!" U dan wieġbu: "Hawn jien." U qallu: [12]"La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni."

[13]U Abraham rafa' għajnejh, ta ħarsa madwaru, u ra muntun warajh maqbud minn qrunu fil-friegħi. U Abraham mar u qabad il-muntun, u offrieh b'sagrifiċċju tal-ħruq minflok ibnu. [14]U Abraham semma dak il-post: "Jaħweh-jire, jiġifieri, il-Mulej jipprovdi," kif għadu jingħad sa llum: "Fuq il-muntanja Jaħweh-jire, il-Mulej jipprovdi."

[15]U għat-tieni darba l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham mis-smewwiet [16]u qallu: "Naħlef fuq ruħi – oraklu tal-Mulej – la darba int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni, [17]jien imbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb l-għedewwa tiegħu. [18]U jitbierku b'nislek il-ġnus kollha ta' l-art talli smajt minn kelmti."

[19]U Abraham raġa' lura ħdejn il-qaddejja tiegħu, u qabdu u telqu flimkien lejn Birsaba. U Abraham baqa' jgħammar f'Birsaba.

[20]Wara dawn il-ġrajja ħabbru lil Abraham u qalulu: "Ara, lil ħuk Naħor ukoll, Milka wilditlu t-tfal: [21]lil Għus, il-kbir; u 'l Buż ħuh; u 'l Kemwel, missier Aram, [22]u 'l Kesed, u 'l Ħażu, u 'l Pildas, u 'l Gedlaf, u 'l Betwel." [23]U Betwel wiled 'il Rebekka. Dawn it-tmienja wildithom Milka lil Naħor, ħu Abraham. [24]U l-konkubina tiegħu, li kien jisimha Rewma, wilditlu wkoll 'il Tebaħ, 'il Gaħam, 'il Taħas u 'l Magħka.

**Il-mewt u d-difna ta' Sara**

**23** [1]U Sara laħqet l-għomor ta' mija u sebgħa u għoxrin sena. Dawn kienu s-snin ta' ħajjet Sara. [2]U mietet Sara f'Kirjat-arba, li hi Ħebron, fl-art ta'

33: **El-għolam, Alla ta' dejjem:** l-isem ta' xi alla tal-Kangħanin fis-santwarju ta' Birsaba, li Abraham applikah għal Alla tiegħu.
14: **Jaħweh-jire:** Il-Mulej jara, jaħseb, jipprovdi.
33: Is 40,28.
1-19: Għerf 10,5; Sir 44,20; Lhud 11,17-18; Ġak 2,21-22. 9: Ġak 2,21. 10: Għerf 10,5. 12: Eż 20,20; Dt 6,2; Lhud 11,17. 16-17: Ġen 12,2; 15,5; 16,10; 32,13; Eż 32,13; Lq 1,73; Rum 4,13; Lhud 6,13-14; 11,12. 18: Ġen 12,3; 18,18; 26,4; Sir 44,21; Atti 3,25; Gal 3,16. 23: Ġen 24,15; 25,20; 28,2.

20

## Aħseb u aħdem

Agħżel vers milli sibt u li għoġbok u ara ftit x'qed jgħidlek dan il-vers illum.

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

# Ittra ta' mħabba

**Il-Bibbja fiha dak li ried iwasslilna Alla Missierna li jħobbna tassew. Għalhekk nistgħu ngħidu li hija ittra ta' mħabba għalina lkoll.**

1 Kieku xi ħadd mill-familja tiegħek kellu jmur jgħix ġo pajjiż 'il bogħod, x'tagħmel biex tkun tista' tibqa' tikkomunika miegħu?

..........

..........

..........

2 Lil Alla ma narawhx. Imma b'xi mod irridu nkunu nafu x'qed jgħidilna. Ġesù ġie fid-dinja, għallem u fejjaq u wera b'ħafna modi l-imħabba ta' Alla għalina. Imma kif nistgħu nikkomunikaw miegħu?

..........

..........

..........

..........

3 Poġġi l-kliem wara xulxin biex jagħmlu sens u wara ikteb is-sentenza fil-linji li għandek u ara x'qed tgħidilna:

JEW KULJUM NISIMGĦU L-KELMA IL-BIBBJA BILLI ALLA TA' FIL-QUDDIESA NAQRAW

..........

..........

..........

..........



**4** Il-Bibbja qisha ittra twila miktuba minn Alla għalina. Ittra ta' mħabba! Fiha hemm stejjer li nistgħu nitgħallmu minnhom. Jekk ikollna xi ġurnata ħażina, il-Bibbja tista' tgħinna wkoll. Hemm ħafna versi li jgħinuna nħossuna aħjar u hemm ħafna aktar versi li juruna kemm Alla jħobbna.

Fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd naqraw u nisimgħu erba' biċċiet qari mill-Bibbja. Dawn ikunu meħudin mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid.

**L-ewwel Qari:** normalment mit-Testment il-Qadim.

**Is-Salm Responsorjali:** normalment mis-Salmi li nsibu fit-Testment il-Qadim.

**It-Tieni Qari:** mit-Testment il-Ġdid, silta minn xi ittra jew mill-Atti tal-Appostli.

**L-Evanġelju:** silta minn wieħed mill-erba' Evanġelji (mit-Testment il-Ġdid).

Ġesù qalilna li l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla. Mela qed jagħtina garanzija li jekk naqraw il-Bibbja, ser ngħixu ħajja kif jixtieqna hu.

Niżżel hawnhekk il-qari tal-Ħadd li ġej u ipprova ifhem Alla x'qed jgħid illum:

**L-Ewwel Qari:** ..............................................

..............................................

..............................................

**Is-Salm Responsorjali:** ..............................................

..............................................

..............................................

**It-Tieni Qari:** ..............................................

..............................................

..............................................

**L-Evanġelju:** ..............................................

..............................................

..............................................

## Aħseb u aħdem

Meta persuna tagħmillek xi ħaġa tajba tħoss ċerta gratitudni lejha. X'tgħinek tagħmel il-gratitudni?

..............................................

..............................................

Xi tħoss li għandek tgħidlu lil Ġesù biex turi gratitudni lejh?

..............................................

# Il-postijiet u l-ġrajjiet

Fil-Bibbja jissemmew postijiet li huma importanti għaliex fihom seħħew ġrajjiet kbar.

## X'ġara?

Fejn kull post, ikteb xi ħaġa importanti li ġrat.

1



Ġerusalemm ..............................

..............................

..............................

..............................



Nazaret ..............................

..............................

..............................

..............................



Betlem ..............................

..............................

..............................

..............................



It-Tempju



Il-Qabar Vojt



Il-Golgota



Il-Muntanja Sinaj

## Aħseb u aħdem

Għandek xi spazju partikulari d-dar fejn tista' toqgħod ftit fis-skiet u tirrifletti?

# Naraw x'tgħallimna!

**Illum il-Bibbja li hija għal kull bniedem, tinsab f'idejn kulħadd. Anke t-tfal illum għandhom il-Bibbja addattata għalihom biex jistgħu jifhmuha aħjar!**

Li nużaw Bibbja tat-tfal hu tajjeb, imma issa li qegħdin nikbru, tajjeb li nsiru midħla xi ftit mal-Bibbja propja. Nistgħu bil-għajnuna ta' xi ħadd kbir insibu xi storja ħafifa u naqrawha flimkien. Importanti li minn issa nsiru familjari mal-Bibbja li tista' tkun tassew il-Kelma t'Alla li takkumpanjana f'ħajjitna u f'kull esperjenza li ngħaddu minnha. Jekk inkunu familjari magħha allura se nitgħallmu nużawha u ma jkunx diffiċli nifhmuha. Imma jekk ma nkunux familjari magħha jkun diffiċli nfittxuha u nifhmuha meta tassew ikollna bżonnha.

Fil-Bibbja Alla jitkellem għal kulħadd, mhux għall-kbar biss. Fil-Bibbja stess hemm ħafna tfal imsemmija, li kienu importanti għaliex Alla tkellem permezz tagħhom. Ma kinux xi tfal speċjali aktar minna. Kienu tfal normali u jgħixu l-ħajja sempliċi ta' dak iż-żmien. Uħud minn dawn it-tfal kienu Iżakk, Iżmael, Ġużeppi, Mosè, Samuel, David, Ġosija, it-tifel li offra l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, it-tifla ta' Ġajru, it-tfal li Ġesù laqagħhom għandu. Hemm ukoll it-tfajjel Ġesù.

Dawn huma tfal li kollha jissemmew fil-Bibbja. **X'taħseb li kont tikteb taħt kull stampa?**



1







| David | It-tifla ta' Ġajru | It-tifel li offra l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet | Ġesù u t-tfal |
|---|---|---|---|
| | | | |

# Aħseb u aħdem

Immaġina li int it-tfajjel Samwel jew it-tifla ta' Ġajru . Kieku kellek tgħaddi messaġġ dwar l-esperjenza tiegħek, x'kont tgħid? Aqsam li tikteb ma' sħabek.

Jien ...........................................................................................................

L-esperjenza tiegħi: ..........................................................................................

...................................................................................................................

# Celebrazzjoni

Matul is-sena fil-familja tagħna jkollna diversi okkażjonijiet fejn norganizzaw ikliet jew *parties* għax ikollna x'niċċelebraw. U aktar ma tkun kbira l-okkażjoni, aktar tkun teħtieġ tħejjija fit-tul. Kultant ikun hemm bżonn anke nżejnu l-post, nistiednu lill-qraba u lill-ħbieb, norganizzaw ftit mużika u nagħtu rigali. Okkażjonijiet bħal dawn dejjem iġibu ferħ u dejjem iservu biex ikollna x'nirrakkuntaw.

## Imla l-vojt

1

**Imla bil-lista ta' xi okkażjonijiet li niċċelebraw fil-familja**

It-twelid ta' tarbija ġdida, il-magħmudija ta' tarbija, ..................................................,

.................................................., .................................................., .................................................., ...................................................

## Agħżel l-aħjar

2

**Immarka l-aħjar għażla**

**1. F'okkażjonijiet ta' ferħ fil-familja tagħna nħossu l-bżonn li:**

○ a. naqbdu nidħku ○ b. niċċelebraw flimkien ○ ċ. inkantaw kemm nifilħu

**2. Biex niċċelebraw b'mod xieraq jeħtieġ li qabel:**

○ a. nippreparaw sewwa ○ b. naqraw il-kotba ○ ċ. niftaħru b'li ħa nagħmlu

**3. L-affarijiet li bihom niċċelebraw, bħall-ikel, il-mużika u t-tiżjin għandhom jgħinu biex tikber:**

○ a. l-għejra bejnietna ○ b. l-għaqda bejnietna ○ ċ. il-pika bejnietna

**4. Wara ċ-ċelebrazzjoni nħossu l-bżonn li:**

○ a. ningħalqu fina nfusna ○ b. inżommu kollox għalina

○ ċ. naqsmu l-ferħ mal-oħrajn

# Aħseb u aħdem

Liema kienet l-aktar ċelebrazzjoni li ħadt gost fiha din is-sena? Għaliex?

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................



# Nagħmlu tifkira

**Bħalma jiġri fil-familja, anke l-poplu ta' pajjiż iħoss li għandu jfakkar il-ġrajjiet importanti fl-istorja tiegħu. F'Malta dawn il-ġrajjiet infakkruhom permezz ta' ħames Festi Nazzjonali.**

## Imla l-vojt 1

Hawn taħt għandek l-ismijiet tagħhom. Taf tiktibhom fil-post it-tajjeb?
Aħdem ma' sħabek tal-grupp!

Jum l-Indipendenza | Jum il-Ħelsien | Is-Sette Giugno | Jum il-Vitorja | Jum ir-Repubblika

AĦDEM FI GRUPP

1 ........................................ - 8 ta' Settembru 1565
Il-Maltin u l-Kavallieri rebħu lit-Torok fl-Assedju l-Kbir tal-1565.

2 ........................................ - 7 ta' Ġunju 1919
Erba' eroj Maltin inqatlu mis-suldati Ingliżi fil-Belt Valletta.

3 ........................................ - 21 ta' Settembru 1964
Il-Maltin bdew imexxu lilhom infushom u ma baqgħux maħkuma minn pajjiż barrani.

4 ........................................ - 13 ta' Diċembru 1974
Il-Parlament Malti ddeċieda li Malta ssir Repubblika u l-Kap tal-Istat ikun il-President.

5 ........................................ - 31 ta' Marzu 1979
Dan il-jum ifakkar it-tmiem tal-bażi militari Ingliża f'Malta.

# Imla l-vojt

2

**Imla bil-kliem li ssib fil-kaxxi ta' taħt.**

Dawn il-festi, barra li huma .................................................. pubbliċi, jiġu ċċelebrati bi kbir f'pajjiżna. Issir .................................................. mis-suldati tal-Forzi Armati tul Triq ir-Repubblika. Fil-Konkatidral ta' San Ġwann tiġi ċċelebrata .................................................. mill-Arċisqof ta' Malta li għaliha jkunu preżenti l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż. Fi tmiem il-quddiesa jindaqq u jitkanta l-.................................................. . Jitpoġġew ukoll kuruni ta' fjuri fuq il-.................................................. li jfakkru dawn il-ġrajjiet. F'Jum il-Ħelsien u f'Jum il-Vitorja ssir ir-.................................................. tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir.

**quddiesa • regatta • parata • monumenti • btajjel • Innu Malti**

## Aħseb u aħdem

**Irrid nifhem li l-Festi Nazzjonali huma importanti għax ifakkruna f'kisbiet importanti li għamlu l-Maltin fl-imgħoddi u fil-kuraġġ li wrew u fit-tbatija li batew biex kisbu dak li kienu jemmnu fih. Hemm xi ħaġa f'ħajtek li qed turi kuraġġ u qed tagħmel xi sagrifiċċju biex jirnexxilek tiksibha?**

............................................................................................

............................................................................................

............................................................................................

............................................................................................

............................................................................................



# Nagħmlu festa

Għalina l-Insara, Ġesù huwa l-aktar importanti u għalhekk matul is-sena nagħmlu festi speċjali biex niċċelebraw dawk il-ġrajjiet importanti fil-ħajja tiegħu li permezz tagħhom seħħet il-fidwa tagħna. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet mhumiex biss tifkiriet, kif nagħmlu meta niċċelebraw okkażjoni fil-familja jew bħala pajjiż. Ġesù għalina mhuwiex persuna li għexet fl-istorja biss, imma hu ħaj u fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħna bħala komunità ta' fidi aħna ngħixu mill-ġdid l-istess ġrajjiet ta' Ġesù biex bħalu u miegħu aħna wkoll inkunu rebbieħa.

## Il-ħajja ta'Ġesù

1

Dawn l-istampi juru ġrajjiet importanti fil-ħajja ta' Ġesù li aħna l-Insara nagħmlu l-festa tagħhom. **Dawn il-ġrajjiet huma mħawdin. Użaw l-Evanġelji ta' San Mattew u San Luqa u taħt kull stampa iktbu:** a. l-isem tal-ġrajja b. liema Evanġelju ntuża bil-kap u l-versi



Meta bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja

..............................................................................................

..............................................................................................



Meta bata u miet għalina fuq is-salib

..............................................................................................

..............................................................................................



Meta daħal f'Ġerusalemm fuq felu ta' ħmara

..............................................................................................

..............................................................................................



Meta waqqaf l-Ewkaristija fl-Aħħar Ikla

..............................................................................................

..............................................................................................



Meta qam mill-mewt u salvana mid-dnub



Meta twieled minn Marija fl-għar ta' Betlem



Meta tgħammed minn Ġwanni fix-Xmara Ġordan



Meta tela' s-sema



Meta ġew jadurawh il-Maġi u offrewlu r-rigali

# Aħseb u aħdem

Meta niċċelebraw dawn il-festi, insiru aktar ħbieb ta' Ġesù. Lilek liema festa l-aktar li togħġbok u ġġiblek ferħ? Kif tgħinek tersaq aktar lejn Ġesù din il-festa?

# Is-Sena Liturġika

**Biex niċċelebraw il-ġrajjiet il-kbar tal-ħajja ta' Ġesù aħna l-Insara nieħdu tul ta' sena. Is-sena tal-Knisja jew aħjar, is-Sena Liturġika, tinqasam f'ħames taqsimiet kbar. Din tibda fl-ewwel Ħadd tal-Avvent u tintemm bil-festa ta' Kristu Re.**

## Imla l-vojt

1

Imla b' dawn il-kliem

**• abjad • Milied • miġja • sagrifiċċju • Ġesù • vjola • penitenza • Għid il-Kbir • erbat • Ħadd • Randan • Marija • salib • Epifanija • ferħ • Qawmien • Inżul • tagħlim • Ġimgħa • aħdar • aħmar • Ħamis • Sultan • Magħmudija • Tlugħ**

**L-Avvent** jibda .................................. iħdud qabel il-festa tal-Milied. Il-kulur li jintuża f'dan iż-żmien hu l-.................................. Il-kelma "Avvent" tfisser ".................................." għax f'dawn il-ġranet naħsbu fuq il-miġja ta' .................................. fostna.

**Żmien il-**.................................. ifakkarna fit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Huwa żmien ta' ferħ u għalhekk fih jintuża l-kulur .................................. tad-dawl. Fost il-festi l-kbar li niċċelebraw fi żmien il-Milied hemm dik ta' .................................. Omm Alla fl-ewwel ta' Jannar u l-.................................. li tfakkarna fiż-żjara tal-Maġi.

**Ir-**.................................. hu erbgħin ġurnata ta' tħejjija għall-akbar festa tal-Knisja li hija l-.................................. F'dan iż-żmien ukoll jintuża l-kulur vjola li juri ...................................

Ir-Randan hu żmien ta' .................................. u ndiema mid-dnub. Fil-knejjes tagħna

jintrama .................................... kbir biex ifakkarna fil-Passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Fl-aħħar ġimgħa tar-Randan li tibda bil-festa ta' .................................... il-Palm, niċċelebraw ukoll .................................... ix-Xirka u l-.................................... l-Kbira.

**Żmien il-Għid** hu żmien ta' ferħ kbir għax fih infakkru l-.................................... ta' Sidna Ġesù Kristu mill-mewt. F'dan iż-żmien jintuża l-kulur abjad tal-..................................... Żmien il-Għid jibqa' sejjer għal ħamsin jum u fih jiġu festi kbar li jfakkruna fit-.................................... tal-Mulej fis-Sema u fl-.................................... tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Knisja. Fil-festa ta' Pentekoste s-saċerdot jilbes il-kulur .................................... li jfisser l-imħabba t'Alla u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

Fi **Żmien Matul is-Sena** jintuża l-kulur .................................... li jfisser tama. Matul dan iż-żmien naħsbu fuq il-mirakli u t-.................................... ta' Sidna Ġesù Kristu. Fl-ewwel Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena niċċelebraw il-festa tal-.................................... tal-Mulej. Dan iż-żmien jagħlaq bil-festa ta' Kristu .................................... tal-Ħolqien kollu.

## Aħseb u aħdem

Is-Sena Liturġika hija l-mod kif aħna l-Insara niċċelebraw u ngħixu mill-ġdid il-mumenti l-kbar fil-ħajja ta' Ġesù. B'hekk aħna nidħlu fl-istess misteru tal-ħajja ta' Ġesù biex miegħu u bħalu ngħaddu mit-tbatija tal-ħajja u miegħu u bħalu jkollna sehem mill-qawmien. X'nistgħu nagħmlu fil-ħajja tagħna biex ikollna sehem minn dan il-qawmien?

# Is-Sagramenti tal-bidu

**Mumenti importanti f'ħajjitna huma meta niltaqgħu ma' Ġesù permezz tas-Sagramenti. Il-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof u l-Ewkaristija nsejħulhom is-Sagramenti tal-Bidu tal-ħajja Nisranija għaliex huma jdaħħluna fil-mixja tal-ħajja Nisranija. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, dawn it-tliet sagramenti kienu jingħataw flimkien lil persuni adulti li kienu jkunu għażlu huma li jsiru Nsara. Dawn kienu jissejħu katekumeni u wara proċess ta' tħejjija kienu jiġu milqugħa fil-komunità fil-Vġili tal-Għid. Maż-żmien il-Knisja bdiet tagħti dawn is-sagramenti fil-bidu tal-ħajja tal-bniedem.**

## 1 Qabbel

**Qabbel is-sentenzi billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ftit wara li tarbija titwieled | ☐ | fuq ras it-tarbija. |
| 2. | Il-ġenituri u l-parrini jwiegħdu li jemmnu f'Alla | ☐ | fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." |
| 3. | Is-saċerdot jitfa' l-ilma | ☐ | u titnaddaf mid-dnub. |
| 4. | Is-saċerdot jgħid: "Jiena ngħammdek | ☐ | u li jiċħdu lix-xitan u d-dnub f'isem it-tarbija. |
| 5. | Dak il-ħin, it-tarbija tidħol fil-familja t'Alla | ☐ | il-ġenituri tagħha jeħduha l-knisja biex titgħammed. |

# L-Ewwel Tqarbina u l-Ġriżma tal-Isqof

2

Imla l-vojt bil-kliem xieraq. L-ewwel ittra tal-kliem hija lesta.

Wara madwar sitt snin jasal jum l-E.................................... T.......................................

F'dan il-jum aħna rċevejna fina għall-ewwel darba lil Ġesù E.................................... Waqt li jurina l-O.................................... Mqaddsa, il-qassis jgħidilna: "Il-Ġ.................................... ta' Kristu" u aħna nwieġbu "A....................................". Ġesù ried jibqa' magħna fl-Ewkaristija u għalhekk waqqaf dan is-Sagrament fl-Aħħar Ċ..................................... Taħt ix-xbihat tal-ħ.................................... u tal-i.................................... huwa ried ikun ikel għal ruħna biex jgħinna fil-mixja tagħna lejn id-dar tal-M.....................................

# Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba

3

Meta mbagħad ikollna madwar (għaxar, tnax-il, għoxrin) sena jkun wasal il-mument li (ninsew, nġeddu, nagħmlu) l-Magħmudija tagħna permezz tas-Sagrament tal-(Griżma tal-Isqof, Qrar, Ewkaristija). Flimkien ma' sħabna nġeddu l-istess wegħdiet li (n-nanniet, l-ġenituri, z-zijiet) kienu għamlu f'isimna dak inhar li rċevejna (l-Magħmudija, t-Tqarbin, il-Qrar). Flimkien mal-parrinu jew il-parrina nitilgħu quddiem (il-kappillan, il-patri, l-Isqof) li jidilkilna moħħna (bl-ilma, biż-żejt u l-balzmu, bl-irmied) u jgħidilna, "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu". Dak il-ħin (il-Missier, l-Iben, l-Ispirtu s-Santu) jinżel fina bil-qawwa tiegħu u nsiru membri kbar tal-Knisja. Bil-għajnuna tiegħu nkunu nistgħu nagħtu xhieda għal Ġesù quddiem kulħadd.

## Aħseb u aħdem

L-Ispirtu s-Santu fina jagħtina l-għerf biex nikbru u nimmaturaw bħala nsara. Semmi wħud mill-frott tal-Ispirtu li jidher f'ħajjitna.

# Is-Sagramenti tal-fejqan

**Fil-ħajja jkollna mumenti sbieħ u dawk inqas sbieħ bħal żmien ta' mard jew problemi. Xi drabi wkoll ikollna mumenti meta nonqsu mill-imħabba lejn l-oħrajn jew jinbtu konflitti bejnietna li jkissru r-relazzjonijiet ta' ħbiberija u paċi. Dawn huma mumenti meta aħna neħtieġu fejqan. Is-Sagrament tal-Qrar iġedded fina l-qawwa tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u ma' ħutna l-bnedmin u għalhekk ifejjaq il-konflitti ta' bejnietna. Is-Sagrament tal-Griżma tal-morda isaħħaħna bil-qawwa taż-żejt li hu simbolu ta' qawwa fir-ruħ u fil-ġisem għal min speċjalment ikun dgħajjef f'saħħtu.**

## Liema ordni

**1**

Ikteb in-numri biex turi l-ordni kif issir iċ-ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-morda.

| | |
|---|---|
| Imbagħad tinqara silta mill-Kelma t'Alla. | ☐ |
| Jekk tkun ir-rieda t'Alla, il-marid ifiq mill-marda tiegħu. | ☐ |
| Wara l-qari s-saċerdot, bħal Ġesù, iqiegħed idejh fuq il-marid. | ☐ |
| Is-saċerdot jibda billi jraxxax l-ilma mbierek fuq il-marid u dawk preżenti biex ifakkarhom li Ġesù wkoll għadda mit-tbatija u l-mewt. | ☐ |
| Is-saċerdot jidlek biż-żejt imbierek il-ġbin u l-idejn tal-marid biex bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu l-marid iħoss l-imħabba u l-ħniena tal-Mulej. | ☐ |

# Qari

**Aqra din is-silta mill-ittra ta' San Ġakbu u imla l-vojt fis-sentenzi.**

2

Hemm xi ħadd fostkom imnikket? Ħalli dan jitlob. Hemm xi ħadd ferħan? Ħalli jkanta s-Salmi. Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu. Stqarru wieħed lill-ieħor in-nuqqasijiet tagħkom u itolbu għal xulxin biex hekk tfiqu.

**(Ġakbu 5, 13-16)**

1. San Ġakbu qed jikteb dwar is-Sagrament tal-...............................................................
2. F'dan is-sagrament jintuża ..................................................................................
3. Dan is-sagrament jgħin lill-marid billi ..................................................................................

   u ...............................................................................
4. Skont San Ġakbu t-........................................................................ iwassal għall-fejqan.



## Aħseb u aħdem

X'inhu l-fejqan li dawn iż-żewġ sagramenti jġibu fina?

..................................................................................................................

..................................................................................................................

..................................................................................................................

..................................................................................................................

# Is-Sagramenti tal-qadi

Aqra s-siltiet mill-Evanġelju skont San Mattew

AĦDEM FI GRUPP

Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u fil-ħajja tagħna żgur li niltaqgħu mas-saċerdot. Huwa l-persuna li s-sejħa tiegħu hi ta' mexxej - li jmexxina u jressaqna lejn Ġesù billi jkun ta' servizz għalina. Ġesù tkellem diversi drabi fuq kif għandu jkun *leader* tajjeb.

## Qari

Aqra s-siltiet u qabbilhom mal-kwalità li jitlob Ġesù minn mexxej tajjeb.
*L-ewwel waħda lesta għalik bħala eżempju.*

1

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | **Mattew 5, 13-16** | | Jikkoreġi bil-ħlewwa lil min jiżbalja u jitlob sikwit |
| 2. | **Mattew 6, 31-34** | | Ixandar li waslet is-Saltna tas-Smewwiet |
| 3. | **Mattew 10, 7** | | Jiċċelebra l-Ewkaristija |
| 4. | **Mattew 18, 15-20** | | Ifittex l-ewwel is-Saltna t'Alla |
| 5. | **Mattew 20, 26-28** | | Ikun ta' servizz għall-oħrajn |
| 6. | **Mattew 26, 26-29** | 1 | Jagħti eżempju tajjeb. |

L-isqfijiet, is-saċerdoti huma dawk li Ġesù jagħżel biex ikunu l-mexxejja tal-Knisja tiegħu. Huma jirċievu s-Sagrament tal-Ordni Sagri fejn l-Ispirtu s-Santu jinżel fuqhom ħalli jgħinhom fix-xogħol li għalih sejħilhom Ġesù.



# Imla l-vojt

2

Ikteb waħda mill-kelmiet t'hawn taħt. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.

**L-Isqof • Is-Saċerdot • Id-Djaknu**

| | |
|---|---|
| Huwa s-suċċessur tal-Appostli. | L-Isqof |
| Huwa "qaddej". | |
| Jagħti lilu nnifsu bl-imħabba għall-ġid tal-poplu t'Alla, għalhekk f'sebgħu jilbes iċ-ċurkett episkopali. | |
| Jiġi ordnat mill-isqof biex jgħinu fid-djoċesi tiegħu. | |
| Jista' jgħammed, jaqra l-Evanġelju waqt il-quddiesa, jagħmel l-omelija, iżur il-morda u jqarbinhom, kif ukoll jagħmel xogħol ieħor ta' servizz fil-parroċċa. | |
| Huwa meqjus bħala r-ragħaj tal-poplu t'Alla, għalhekk iżomm f'idejh il-baklu. | |
| Huwa r-rappreżentant tal-isqof. | |
| Huwa għandu l-awtorità li jmexxi, għalhekk f'rasu jilbes il-mitra. | |
| Jiċċelebra l-Ewkaristija u jaħfer id-dnubiet. | |

## Aħseb u aħdem

Hija ħaġa tajba u sabiħa li nidra nitlob għall-vokazzjonijiet biex aktar żgħażagħ iwieġbu 'iva' għas-sejħa ta' Ġesù biex ikunu ta' servizz għall-oħrajn ħalli dawn iħobbu aktar lil Ġesù billi jgħixu aħjar. Fil-ħajja tiegħek, kif tista' tkun ta' servizz:

**fid-dar -** ..........................................................................................................

**ma' sħabek waqt il-logħob -** ..................................................................................

**fil-klassi -** .......................................................................................................



# Ġisem wieħed

Meta raġel u mara jiddeċiedu li jiżżewġu, dan jagħmluh għax iħobbu lil xulxin, jixtiequ jibdew familja ġdida u jkunu kuntenti li se jqattgħu l-kumplament ta' ħajjithom f'relazzjoni ta' mħabba bejniethom. Huma jkunu lesti li jagħmlu kull sagrifiċċju għal xulxin u ma jħallu lil ħadd u xejn ifixkel din l-imħabba. Huma jkunu lesti jilqgħu l-ulied li jitwieldu minn din l-imħabba u bħala familja jikbru fl-imħabba t'Alla.

Fis-Sagrament taż-Żwieġ l-għarajjes ikunu qed jistiednu lil Alla biex ikun magħhom tul ħajjithom kollha. F'dan is-Sagrament l-għarajjes huma ċ-ċentru u huma jkunu qegħdin iwiegħdu quddiem Alla mħabba għal ħajjithom kollha.

Fl-Evanġelju naqraw li Ġesù tkellem dwar iż-Żwieġ u fisser il-pjan t'Alla għall-imħabba bejn raġel u mara. L-ewwel miraklu tiegħu sar ukoll f'tieġ f'Kana tal-Galilija li għalih flimkien ma' Ġesù kienet mistiedna ommu Marija u d-dixxipli.

# Qari 1

**Aqra s-silta: Mattew 19, 3-6 u imla l-vojt fis-sentenzi li ġejjin**

Il-Fariżej staqsew lil Ġesù jekk ..........................................................................................

..........................................................................................................................................

Ġesù jgħallimna li ż-żwieġ ġie maħluq minn ..............................................................

..........................................................................................................................................

Ġesù jgħid li fiż-żwieġ, raġel u mara jsiru ..................................................................

..........................................................................................................................................

Ġesù jgħallimna wkoll li r-rabta taż-żwieġ.....................................................................

..........................................................................................................................................

## Aħseb u aħdem

**Aqra s-silta dwar it-tieġ ta' Kana (Ġw 2,1-11).**
Pinġi s-simboli li jmorru ma' dan il-miraklu. Ikteb il-persuni kollha li daħlu f'dan il-miraklu u niżżilhom skont l-importanza li kellhom f'din il-ġrajja

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

4.1

# Żmien sabiħ

Il-Milied hu żmien ta' ferħ, l-aktar meta niftakru li l-Iben t'Alla sar bniedem għalina. Hu żmien biex aktar minn żmien ieħor naħsbu fl-oħrajn.

1

F'din il-kaxxa pinġi xi affarijiet li jfakkruk fil-Milied

F'din il-kaxxa pinġi rigal li tixtieq tagħti

2



## Aħseb u aħdem

Il-Milied hu ċelebrazzjoni importanti. Kif taħseb li trid tibda tipprepara għalih?

# San Nikola

San Nikola huwa personaġġ marbut ħafna mal-Milied. Dan għaliex dan il-qaddis kien l-isqof li kien jgħin ħafna u jagħti ħafna karità u dan xi kultant kien jagħmlu bil-moħbi.

## Ikteb ittra lil San Nikola

1

Fiha daħħal dawn il-punti:

- Int minn fejn int
- Spjegalu d-devozzjoni li hawn f' Malta lejh
- Itolbu rigal għal xi ħadd li tħobb
- Għidlu għalxiex dan ix-xi ħadd jixraqlu dan ir-rigal



## Aħseb u aħdem

Kieku kellek titolb lil San Nikola jgħidlek x'għandek tagħmel biex issir aħjar, x'taħseb li kien jgħidlek?

..................................................................................................................................................

..................................................................................................................................................

..................................................................................................................................................

..................................................................................................................................................

4.3

# L-imħabba t'Alla għalina



Il-Milied hu l-festa
li fiha niċċelebraw l-iktar
l-imħabba t'Alla għalina
li dehret f'Ġesù
magħmul bniedem.

1

Sib stampa ta' Ġesù tarbija u ritratt tiegħek. Waħħalhom maġenb xulxin f'nofs il-qalb. Sib stampi oħrajn, ta' nies qed jgħinu jew qed ikunu ta' servizz għall-oħrajn - għax dan hu l-messaġġ ta' Milied ta' veru. Ġesù ġie fid-dinja għalina u aħna rridu nkunu lesti li naqdu lill-oħrajn.



## Aħseb u aħdem

Bħala klassi ddiskutu ftit x'tistgħu tagħmlu biex tkunu ta' aktar għajnuna għal xulxin u forsi għal xi ħadd li tafu. Xi tfisser tkun disponibbli (tkun hemm ) għal xi ħadd?

.................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................

# Ġesù hu ħuna

**Bit-twelid ta' Ġesù, aħna, barra li nistgħu ngħidu li aħna aħwa, bi pjaċir nistgħu nistqarru li Ġesù huwa ħuna.**

## Imla l-vojt

1

Fil-paġna li jmiss ikteb l-ismijiet tan-nies fil-familja tiegħek.



## Aħseb u aħdem

**Sib Mattew 1, 1-17 u hemmhekk għandek issib l-arblu tar-razza ta' Ġesù, għax Ġesù, bħalna, kellu l-familja u r-razza tiegħu. Ftakar li Ġesù jħobb ir-razza u l-familja tiegħek. Għalhekk tinsiex titolbu għal dawn il-membri li inti tħobb biex huma jkunu kuntenti bil-ħajja tagħhom u jagħrfu jgħixu fil-paċi bejniethom u mal-oħrajn.**

# Il-familja tiegħi



# Il-Madonna



Fil-Milied ma jistax jonqos li npoġġu xi ftit fiċ-ċentru anke lil omm Ġesù, Marija. Ma ninsewx! Din il-mara hija wkoll l-omm tagħna. Hawnhekk għandek xi fatti dwar din il-mara kbira.

Illum ħeġġeġ lill-membri tal-familja tiegħek biex tgħidu r-rużarju u offruh għal dawk l-ommijiet kollha li qed jistennew tarbija.

**Isem:** *Marija*

**Data tat-Twelid:** *8 ta' Settembru*

**Post tat-Twelid:** *Nazaaret*

**Stat:** *Miżżewġa ('l Ġużeppi)*

**Xogħol:** *Mara tad-dar*

**Tfal:** *Wieħed – Ġesù*

**Tlugħ fis-Sema:** *15 ta' Awwissu*

**Fatt Interessanti:** *Telgħet is-sema bir-ruħ u bil-ġisem*

## Aħseb u aħdem

Tajjeb tiftakar li l-Madonna kienet tħobb lil Ġesù bil-kbir. Jekk trid tħobb lil Ġesù bis-serjetà, x'taħseb li trid titlobha lill-Madonna?

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

# Ikteb poeżija lill-Madonna

1

Tista' tuża dawn il-kelmiet:

**tarbija, ferriħija, omm, fomm, dnub, qlub, mant, kant, Marija, qawwija**

4.6

# Nies marbut

San Ġużepp hu personaġġ importanti ħafna f'din il-ġrajja. Kien hu li għen biex Ġesù jitwieled u jitrabba f'familja u kien hu li ħa ħsieb din il-familja. Dawn huma xi fatti dwar dan il-bniedem kbir.

## San Ġużepp

Isem: Ġużeppi
Post tat-Twelid: Nazaret
Stat: Miżżewweġ (lil Marija)
Razza: Tribù ta' Ġuda (mill-familja tar-Re David)
Xogħol: Mastrudaxxa
Festa: 19 ta' Marzu
Patrun: Knisja Universali, Missirijiet
Fatt Interessanti: Missier Putattiv ta' Ġesù



Hawn għandna xi nies oħra li kienu importanti f'din il-ġrajja. Iddiskuti u imla l-vojt.

**1**

Jieħu ħsieb in-nagħaġ • Arkanġlu • sentejn • baxxa • Assisi • Betlem • Museum • paċi • Alla hu l-qawwa tiegħu • Franġiskan • messaġġier ta' Alla • Bambin • Kaspar • Italja • qassis • 9 ta' Mejju • Re tal-Indja.



## L-Anġlu Gabrijel

**Isem:** Gabrijel
**Stat:** ..........................................
**Razza:** Anġli
**Xogħol:** ......................................
**Festa:** 29 ta' Settembru
**Patrun:** Ħaddiema fil-Komunikazzjoni
**Fatt Interessanti:** Gabrijel ifisser ..................................................

## Ragħaj

**Isem:** Eder
**Post tat-Twelid:** ..........................
**Razza:** Lhudija
**Xogħol:** ......................................
**Fatt Interessanti:** Jagħmel parti mill-klassi l- ................................ tas-soċjetà ta' dak iż-żmien.



# ...ta mal-Milied

## San Franġisk

**Isem:** Franġisku

**Post tat-Twelid:**...........................

**Data tat-Twelid:** 1181

**Stat:** Djaknu

**Xogħol:** Jagħmel il-ġid u jxerred il- ....................................

**Festa:** 4 ta' Ottubru

**Data tal-Mewt:** 1226

**Patrun:** tal-................................ , Annimali, Għasafar

**Fatti Interessanti:** Waqqaf l-Ordni ...................................... u għamel l-ewwel presepju.



## San Ġorġ Preca



**Isem:** Ġorġ Preca

**Post tat-Twelid:** Il-Belt Valletta

**Data tat-Twelid:** 12 ta' Frar 1880

**Stat:** ...........................................

**Xogħol:** Ixerred it-tagħlim ta' Kristu

**Festa:** .......................................

**Data tal-Mewt:** 26 ta' Lulju 1962

**Patrun:** Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, ....................................

**Fatt Interessanti:** Waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, MUSEUM u għamel l-ewwel dimostrazzjoni bil- ..................... .

## Il-Maġi



**Isem:** Melkjor

**Post tat-Twelid:** .........................

**Razza:** Asjatika

**Xogħol:** Studjuż

**Stat:** Re tal-Persja

**Isem:** Baldassar

**Post tat-Twelid:** Arabja

**Razza:** Asjatika

**Xogħol:** Studjuż

**Stat:** Re tal-Arabja

**Isem:** ..........................................

**Post tat-Twelid:** Indja

**Razza:** Asjatika

**Xogħol:** Studjuż

**Stat:** ..........................................

**Fatt Interessanti:** Il-Maġi żaru lil Ġesù fid-dar tiegħu meta kellu xi ...........................................................

## Aħseb u aħdem

Hemm nies / annimali li ma ssemmewx imma li għandhom x'jaqsmu ma' din il-ġrajja tal-Milied. Fost dawn insibu l-lukandier, Erodi, il-baqra, il-ħmara u oħrajn. Agħżel lil xi ħadd minnhom u mmaġina kieku kellu jirrakkonta l-esperjenza li għadda minnha dak il-lejl, x'kien jgħidlek?

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................



4.7

# Simboli ma

1

**Barra nies u annimali marbuta mal-Milied, insibu wkoll simboli u dekorazzjonijiet marbuta ma' din il-festa.**

*Bl-għajnuna tal-għalliem ikteb ftit informazzjoni dwar dawn is-simboli tal-Milied.*



....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................



....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

....................................................

# rbuta mal-Milied



..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................






..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................

..................................................................................................



**Aħseb u aħdem**

It-tiżjin u s-simboli jagħmlu din il-festa aktar sabiħa u ta' ferħ. Aħseb ftit. Tista' tagħmel il-ħajja ta' xi ħadd aktar ferħana dan il-Milied? X'taħseb li tista' tagħmel?

..................................................................................................

..................................................................................................

4.8

# It-tradizzjonijiet tal-Milied

Marbuta mal-Milied, insibu ħafna preparazzjonijiet u tradizzjonijiet li jgħinuna ngħixu iktar fil-fond din il-festa u nersqu aktar lejn Ġesù li twieled tarbija bħalna.

## Aqra u pinġi

1

Fil-kaxxi pinġi xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' dak li tkun għadek kif qrajt:

### L-Avvent

L-Avvent jibda erbat iħdud qabel il-Milied. F'dan iż-żmien niftakru fit-tliet miġjiet ta' Ġesù. L-ewwel miġja hija meta Ġesù twieled fl-għar ta' Betlem biex isalvana, it-tieni miġja hija dik li jrid jagħmel fil-qalb tagħna u t-tielet miġja hija dik il-miġja li għad jerġa' jagħmel fl-aħħar tad-dinja. L-Avvent huwa żmien ta' preparazzjoni. Fih nippreparaw ruħna għall-aħħar żewġ miġjiet ta' Ġesù.

## Ix-Xewqat u l-Kartolini

Fis-sena 0 WK l-anġli ħabbru ferħ kbir lil kull min kien ta' rieda tajba. Permezz tal-kartolini u x-xewqat li nawguraw lil xulxin, inkunu qegħdin inġeddu dak il-ferħ tal-ewwel sena li Ġesù kien jgħix fid-dinja. Huwa sabiħ li tibgħat kartolina bil-Bambin lil qrabatek u lill-ħbieb ... anke jekk dawn ma jibagħtulekx!

## Il-Presepju

Ħafna dilettanti tal-presepju jibdew minn kmieni, jaħdmu biex ifakkru din il-ġrajja. Iċ-ċentru tal-presepju jkun dejjem l-għar fejn fih twieled Ġesù.

## In-Novena

In-Novena tibda disat ijiem qabel il-Milied. Fiha nippreparaw ruħna aktar bis-serjetà għal din il-festa tant għażiża. Kuljum ikun hemm il-quddiesa tan-novena. F'dan iż-żmien nisimgħu aktar għanjiet tal-Milied u naraw il-knisja tiġi mżejna bil-mod, biex il-qofol tat-tiżjin jintlaħaq fl-24 ta' Diċembru.

## L-Għana tal-Milied

L-għana tal-Milied beda jitkanta żmien ilu. Fi żmien fejn kien għad ma hawnx karozzi, in-nies kienu jmorru l-quddies bil-mixi jew bil-karettun. Sakemm jaslu kienu joqogħdu jgħannu l-għanjiet tal-Milied. Imbagħad kienu jkomplu jgħannu sakemm tiftaħ il-knisja u kulħadd jieħu postu.

## Il-Purċissjoni bil-Bambin

L-ewwel qaddis Malti Kanonizzat San Ġorġ Preca, kien devot ħafna tal-Bambin. Prova ta' dan hija l-purċissjoni bil-Bambin ta' lejlet il-Milied. Fil-purċissjoni, it-tfal u s-soċji tal-Museum, iduru mal-belt jew mar-raħal ikantaw għanjiet tal-Milied u jaqraw xi siltiet dwar il-Bambin. F'idejhom ikollhom xi lampi jew fanali.

## Il-Quddiesa ta nofs il-lejl

Il-Quddiesa ta' nofs il-lejl hija l-qofol ta' din il-festa. Jekk ma tippreparax ruħek u qalbek biex tilqa' fiha lill-protagonist ta' din il-festa, il-preparamenti l-oħra jkunu kollha għalxejn. Jekk xi ħadd jorganizzalek *party* għal għeluq sninek u lilek ma jistidnekx, mhux għalxejn ikun organizzah?

## Il-Prietka tal-Milied

Il-Prietka tal-Milied taf il-bidu tagħha fil-bidu tas-seklu 20. Dak iż-żmien kienu jgħallmu lill-abbatini xi sentenzi dwar il-Milied u kienu jgħiduhom quddiem in-nies li jkunu attendew għall-quddiesa. Nistgħu naraw li Alla jinqeda b'kulħadd biex iwassal il-messaġġ tiegħu, anke bi tfal bħalna stess.

## L-Ikla tal-Milied

Hija tradizzjoni li fil-ġurnata tal-Milied, il-familja kollha (bin-nanniet u z-zijiet) tinġabar għand xi ħadd (li jkollu post kbir għal ħafna nies) biex jieklu flimkien l-ikla tal-Milied. Hija ħaġa sabiħa li fil-festa li fiha niċċelebraw l-akbar rigal li tana Alla, niltaqgħu l-familja kollha u nkunu magħqudin flimkien.

## Aħseb u aħdem

Minn dak kollu li smajt, iddiskutejt u ktibt, kieku kellek tpinġi xi ħaġa ta' xi jfisser il-Milied għalik, x'kont tpinġi?

# Il-bniedem maħluq biex jgħix mal-oħrajn

## Il-bniedem ma kienx maħluq biex jgħix waħdu.

Tant hu hekk li ngħidu li hu ħlejqa soċjali. Din il-kelma tfisser li jħoss il-bżonn li jkun mal-oħrajn, li jikkomunika mal-oħrajn. Il-bniedem jagħmel din il-komunikazzjoni b'ħafna modi. Dawn il-modi jgħinuh juri dak li jħoss hu u fl-istess ħin jisma' lil ħaddieħor. Allura b'dan il-mod hu u l-oħrajn ikunu jistgħu jgħinu lil xulxin u jgħixu aħjar. Il-komunikazzjoni għandha livelli differenti u dan għax int mhux lil kulħadd tħobb l-istess, mhux lil kulħadd taf l-istess u allura mhux ma' kulħadd tgħid dejjem dak li tħoss.



# In-nies f'ħajti

Ikteb ismek fin-nofs. Imla l-forom bl-ismijiet/titli ta' nies li tiltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħek, 'il bogħod jew viċin skont kemm huma importanti għalik, eż. il-ġenituri, il-katekisti, ix-xufiera, il-kowċis tal-isports, it-tobba u l-infermiera, is-saċerdoti, il-pustiera u oħrajn. **ŻGUR li hemm oħrajn li inti taf u li tixtieq tniżżel.**

1



## Aħseb u aħdem

Kieku kellek tpoġġi lil Ġesù fl-istampa tiegħek, fejn kont tpoġġih? Taħseb li qiegħed f'postu fejn poġġejtu? Għaliex?

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

# Il-bniedem jikkomunika b' ħafna modi

Meta tiltaqa' ma' xi ħadd int tista' tuża modi differenti kif tikkomunika mal-persuna l-oħra, għax hemm modi differenti kif wieħed juri lil ħaddieħor x'għandu f'moħħu u f'qalbu. Nistgħu nużaw il-kliem, imma nistgħu nużaw ukoll is-sinjali u l-lingwaġġ ta' ġisimna (*body language*), l-espressjonijiet ta' wiċċna, il-kuluri, it-tgħanniq, il-bews, u ħafna modi oħrajn. Dawn insejħulhom modi ta' komunikazzjoni.

**Ħafna minn dawn il-modi huma universali jiġifieri tkun fejn tkun jifhimhom kulħadd, oħrajn skont il-pajjiż li tkun fih.**

## Kif nikkomunikaw

1

**X'messaġġ qed jgħaddu dawn l-istampi? Għaqqad il-kliem/frażijiet mal-istampi.**

- **kitba**
- **juri qbil**
- **mużika**
- **Braille**
- **espressjoni tal-wiċċ**
- **xi ħadd muġugħ**
- **kliem**
- **kuluri**












## Aħseb u aħdem





- X'qed jagħmlu?
- X'qed jikkomunikaw dawn l-istampi?
- X'suppost nagħmel jien meta nara lil xi ħadd jikkomunika b'dan il-mod?
- Skont int x'hemm bżonn biex int tikkomunika sew?

................................................................................................................................................

................................................................................................................................................

# Il-komunikazzjoni ma' Alla



**Il-modi ta' kif nikkomunikaw jinbidel maż-żmien. In-nies ta' żmien il-qedem kienu jikkomunikaw u jqimu lill-allat b'mod li m'għadhomx komuni llum. Fit-tempji kienu joffru xi annimal u ġieli tfal u adulti. Dan kienu jagħmluh biex jogħġbu lill-allat tagħhom. Fil-Bibbja fl-ewwel ktieb tas-Slaten 18, 21-40 insibu lill-Profeta Elija li kellu sfida kbira ma' ħafna qassisin tal-alla falz Bagħal.**

## Aħseb u aħdem

In-nies ta' żmien Elija kienu jaduraw lill-allat foloz. Illum aħna wkoll għandna allat foloz li ma jgħinuniex nagħrfu tassew Alla min hu għalina u nġarrbu l-imħabba tiegħu. Semmi 3 affarijiet li għalina jistgħu jservu ta' allat foloz għax jispiċċaw jieħdu prijorità fuq kull ħaġa li nagħmlu. *L-ewwel waħda lesta.*

1. Il-kompjuter

# Imla l-vojt

1

Iftaħ l-ewwel Ktieb tas-Slaten 18, 21 – 40 u imla l-vojt bil-kliem li għandek hawn biex tgħaqqad storja sħiħa

• nar • sema • rieqed • Karmelu • jadura • nofsinhar
• tliet • sfida • artal • Elija • Bagħal • gendus

1. Il-profeta .................................................................... kellem lin-nies u qalilhom biex jagħżlu liema alla ser jaduraw, jekk hux lil Alla l-veru jew lill-alla ....................................................................
2. Elija .................................................................... lill-profeti ta' Bagħal biex jaraw min hu alla l-veru billi jagħmlu mħatra fuq l-Għolja tal-....................................................................
3. L-isfida kienet li l-alla l-veru jibgħat in-.................................................................... mis-sema biex jaħraq il-gendus li kien hemm fuq l-....................................................................
4. Il-profeti bdew minn filgħodu u damu sa .................................................................... jitolbu u jgħajtu lil alla Bagħal imma ma weġibhom xejn. Elija qalilhom biex jgħajtu aktar għax forsi Bagħal imħasseb, imħabbat, .................................................................... jew siefer. Huma żiedu fl-għajjat iżda kien kollu ta' xejn.
5. Imbagħad Elija qal lin-nies biex jibnu artal bi tnax-il ġebla, poġġew il-.................................................................... fuqu, xarrbu kollox bl-ilma għal .................................................................... darbiet u Elija beda jitlob lil Alla quddiem kulħadd.
6. Kif Elija spiċċa jitlob niżel nar mis-.................................................................... u ħaraq il-vittma, il-ħatab, il-ġebel u l-ilma nxtorob. U l-poplu niżel wiċċu fl-art .................................................................... lil Alla l-veru.

# L-Iben t'Alla jsir bniedem

Alla tagħna mhuwiex mutu jew trux bħall-allat foloz. Alla tagħna hu Alla ħaj, u matul is-snin tkellem ma' ħafna nies, fosthom ma' Abraham biex jibda poplu għalih. Kellem lil Mosè u tah il-Kmandamenti (li ġieli nsejħulhom id-Dekalogu = L-Għaxar Kelmiet). Alla tkellem ukoll bl-Ispirtu tiegħu permezz tal-Qassisin, tal-Profeti, tas-Slaten u ta' nies oħra magħżula minnu biex iwasslu kelmtu lill-poplu. Kellem lil Marija permezz tal-Arkanġlu Gabriel, lil Ġwanni l-Battista u fuq kollox u fl-aħħar kellimna permezz ta' Ibnu Ġesù f'dak li nsejħulu **l-Misteru tal-Inkarnazzjoni**, meta wriena l-imħabba sħiħa tiegħu u bagħat lil Ibnu fid-dinja li sar bniedem bħalna.



1

# Sib

**Mill-Evanġelju, sib l-ittra lil-Lhud 1, 1-3**
**Iddiskuti fil-grupp u ikteb x'qed jgħidulek dawn il-versi.**

.......................................................................................................

.......................................................................................................

.......................................................................................................



# Lili Alla kellimni

2

**Aqta' min jien!**

1. Jien kelli mara jisimha Sara. ..........................................
2. Jien kelli tnax-il tifel. ..........................................
3. Jien kont l-iben favorit ta' missieri u ħuti kienu jgħiru għalija. ..........................................
4. Meta twelidt ommi għamlitni f'qoffa u tefgħetni fix-xmara. ..........................................
5. Jien daħħalt il-Poplu Lhudi fl-Art Imwiegħda. ..........................................
6. Jien dlikt lill-ewwel Sultan ta' Iżrael. ..........................................
7. Jien għamilt kuraġġ lil-Lhud li kienu fl-Eżilju. ..........................................
8. Jien ħabbart li xebba kellha jkollha iben u jsemmuh Emmanuel. ..........................................
9. Jien kelli tifel meta xjaħt u dan kellu jħabbar li l-Messija wasal. ..........................................
10. Jien deherli l-Arkanġlu Gabrijel u qalli li se jkolli iben speċjali. ..........................................

# Aħseb u aħdem

**Illum Alla lili jkellimni permezz ta':**

1: .......................................................................................................

2: .......................................................................................................

3: .......................................................................................................

# Ġesù ġie biex isalvana

Min hu Ġesù? Hu l-Iben t'Alla li sar bniedem biex **jgħammar fostna** u jsalvana. Hu għex bħalna u għadda mill-esperjenza tal-bniedem. Hu kien f'kollox bħalna barra mid-dnub. Hu tkellem man-nies, semagħhom, għenhom, feraħ u beka magħhom. Il-fejqan ta' tant nies, it-tagħlim li għallem lil ħafna oħrajn u l-kliem ta' faraġ lil min kien fit-tbatija juruna dan. Bħala r-ragħaj tagħna, għax jieħu ħsiebna, ta ħajtu għalina u permezz tal-Ewkaristija aħna nibqgħu niċċelebraw din l-imħabba tiegħu għalina tul iż-żmien. Imma hu baqa' magħna fl-Ewkaristija biex aħna, li nieħdu sehem minnha, nissaħħu bih u nkunu tassew membri tal-Ġisem tiegħu li hi l-Knisja. Aħna nistgħu nfittxuh lil Alla, imma hu dejjem ifittixna u jsibna minn qabel għax l-imħabba tiegħu għalina ma tiddependix minn kemm inħobbuh aħna. L-imħabba tiegħu hi bla qjes u bla kundizzjoni.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | Y | M | P | R | X | Ġ | P | H | Ġ | W | M |
| R | Ż | A | K | K | E | W | D | I | A | Ħ | A |
| L | N | T | P | L | E | A | R | L | J | Ċ | R |
| A | J | T | P | E | R | N | B | A | R | S | T |
| Z | K | E | N | O | S | N | B | R | U | Ġ | A |
| Z | U | W | J | F | K | I | S | Y | R | S | Z |
| R | I | G | M | A | D | A | L | E | N | A | P |
| U | B | A | R | T | I | M | E | W | W | Z | V |
| O | I | Ċ | E | N | T | U | R | J | U | N | W |

## Sib 1

Taf issib għaxar ismijiet ta' nies li ltaqgħu u/jew ġew mgħejjuna minn Ġesù? Niżżilhom taħt.

1.............................................

2.............................................
3.............................................
4.............................................

# Aħseb u aħdem

Agħżel isem minn dawk li sibt u ikteb x'laqtek fl-imġiba ta' dik il-persuna lejn Ġesù.

.......................................................................................................

.......................................................................................................

Ikteb ukoll x'laqtek fl-imġiba ta' Ġesù lejn dik il-persuna.

.......................................................................................................

.......................................................................................................




5.................................................. 6.................................................. 7..................................................

8.................................................. 9.................................................. 10..................................................

# Aħna kapaċi naħfru

Hi ħaġa sabiħa u jixtieqha kulħadd li nkunu dejjem ħbieb ma' kulħadd! Imma mhux dejjem faċli tifhem u taċċetta lil kulħadd. Spiss inweġġgħu u nonqsu lil xulxin, kultant bi żball u kultant apposta. Il-Lhud ta' qabel ma għex Ġesù u dawk li kienu jgħixu fi żmienu stess kienu jonqsu lil Alla b'mod jew ieħor. Insibu, per eżempju, il-Lhud fid-deżert, lil David, lil Pietru, lil Marija Madalena, lill-ħalliel it-tajjeb, u lil San Pawl, fost l-oħrajn. Dawn b'ħafna modi għamlu ta' rashom u nfirdu minn Alla. Id-dnub kisser ir-relazzjoni tagħhom ma' Alla. Imma kull meta b'xi mod jew ieħor talbu **maħfra** sabu li Alla kien jistenniehom u reġa' laqagħhom għandu b'imħabba kbira.



1

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar personaġġi fil-Bibbja li dinbu, iddispjaċihom, talbu u sabu l-maħfra:**

1. Ma damux ma kisru kelmthom hekk kif Mosè tela' fuq is-Sinaj. ........................................
2. Ħa l-mara ta' ħaddieħor u qatel lil żewġha. ........................................
3. Kien jippersegwita lill-Insara. ........................................
4. Qal li mhux se jiċħad lil Ġesù imma xorta ċaħdu tliet darbiet. ........................................
5. Kienet mara li minnha Ġesù keċċa seba' xjaten. ........................................
6. Kien jisraq meta jiġbor it-taxxa. ........................................
7. Aċċetta d-dnub tiegħu u talbu jiftakar fih. ........................................

2

**Liema huma t-tliet passi importanti biex fil-verità jkun hemm maħfra?**

1. ........................................

........................................

2. ........................................

........................................

3. ........................................

........................................



## Aħseb u aħdem

Għaliex mhix faċli li titlob maħfra? ........................................

Kif twieġeb meta xi ħadd jgħid : 'Naħfer, imma ma ninsiex'? ........................................

........................................

........................................

# Ir-rikonċiljazzjoni

Bħala bnedmin aħna dgħajfa u l-fidi tagħna rridu nsostnuha l-ħin kollu. Is-sagramenti fil-ħajja tagħna bħala Nsara huma l-mumenti fejn aħna nersqu lejn Alla u nħalluh jidħol f'ħajjitna biex iqawwina bil-grazzja, li hi l-preżenza tiegħu li ssalvana mill-ħażen u minn dak kollu li jżommna skjavi ta' ħsibijiet u emozzjonijiet li flok jgħinuna nikbru jagħlquna fina nfusna, bħal pereżempju meta nħossu l-għira għal xi ħadd, jew inkunu irrabjati jew ikollna sens ta' vendetta. Dawn huma ħsibijiet u emozzjonijiet li aħna mhux dejjem nistgħu nikkontrollawhom.

Għalhekk il-qawwa tal-Ispirtu t'Alla fina, li tiġġedded dejjem permezz tas-sagramenti, tagħmilha possibbli li aħna ma nċedux għal dawn il-ħsibijiet anke meta jkollna raġun. Hu l-Ispirtu ta' Ġesù fina li jagħmilha possibbli li aħna naħfru, nieħdu paċenzja, ma nċedux għal ħsibijiet ta' vendetta u tant u tant esperjenzi oħra li fihom aħna faċli nċedu u nitfixklu. Mill-Magħmudija, li tiżra' fina ż-żerriegħa tal-fidi u ta' ħolqien ġdid, tibda mixja li matulha rridu nsostnu din iż-żerriegħa biex tikber u biex il-fidi tagħna tkun ħajja permezz tal-Ewkaristija u permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

Din li tfisser fl-aħħar mill-aħħar meta ngħidu li Ġesù ried jibqa' magħna: li Ġesù jibqa' jimxi magħna ngħaddu mnejn ngħaddu biex jibqa' joffrilna d-dawl u l-gwida tiegħu. Iktar ma nirċievu b'qalb miftuħa l-imħabba u l-maħfra tiegħu għalina, iktar inkunu kapaċi nwasslu l-imħabba u l-maħfra lill-oħrajn li jonqsuna.

## Aħseb u aħdem

**Fuq dawn iż-żewġ parabboli li ddiskutejna, x'taħseb li lest jagħmel għalik Alla l-Missier?**

# Imla l-vojt

1

Biex ........................................ sewwa rrid nagħmel ........................................ ħwejjeġ:

1. Naħseb ........................................ sew.
2. ........................................ minnhom.
3. Nagħti ........................................ 'l Alla li ma ........................................
4. Inqerrhom ........................................
5. Nagħmel il-........................................ li jagħtini l-........................................



2

## L-Iben il-Ħali

**Fakkru lil xulxin il-parabbola tal-Iben il-Ħali u flimkien wieġbu dawn il-mistoqsijiet:**

1. Taf x'tista' tissejjaħ ukoll din il-parabbola?

........................................................................................................

........................................................................................................

2. Fejn tintwera l-ħniena ta' dan il-missier?

........................................................................................................

........................................................................................................

3. X'xebh hemm bejn din il-parabbola u dik tar-Ragħaj it-Tajjeb?

........................................................................................................

........................................................................................................



AĦDEM FI GRUPP

# X'tgħallimt minn dan il-kapitlu?

**Minn dak li smajna u ddiskutejna sa issa, ara ftit x'tiftakar.**

## Imla l-vojt

1

1. Liema hu t-tielet sagrament?..........................................................
2. X'kien jisimha l-mara ta' Abram?..........................................................
3. Bil-magħmudija nsiru.......................................................... Alla.
4. Min kien Iben Marija?..........................................................
5. Ġesù x'għamel għalina fuq is-salib?..........................................................
6. X'tissejjaħ l-ewwel persuna tat-Trinità Mqaddsa?..........................................................
7. Bil-Magħmudija aħna nsiru .......................................................... ta' Ġesù.
8. Il-bniedem ma jgħixx waħdu għax hu ħlejqa ..........................................................
9. L-Iben t'Alla sar .......................................................... għalina.
10. L-ewwel kap tal-Knisja kien..........................................................
11. Ir-re li mir-razza tiegħu tnissel Ġesù kien ..........................................................
12. Kemm huma s-sagramenti?..........................................................
13. Meta nkunu fid-dnub inkunu qisna fi .......................................................... ċappa.
14. Meta waqqaf l-Ewkaristija Ġesù ..........................................................
15. X'jagħtina l-Ispirtu s-Santu meta jiġi fina?..........................................................
16. Meta nkunu fil-grazzja t'Alla nkunu .......................................................... jiddi għall-oħrajn.
17. L-Omm ta' Ġesù hija l-..........................................................
18. In-nies tal-qedem kienu joffru sagrifiċċji lill-allat fuq ..........................................................
19. Alla ta l-għaxar kmandamenti lil .......................................................... .
20. Meta nħobbu u nirrispettaw inkunu qed nixbhu ..........................................................



## Aħseb u aħdem

Fil-klassi nqattgħu ħafna mill-ħin tal-ġurnata. X'tista' tagħmel biex isaltnu dejjem aktar ir-rispett u l-imħabba?

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

# Ir-rispett

Meta nkunu żgħar dawk li jieħdu ħsiebna jibdew jgħallmuna u juruna li għandna dejjem nuru rispett lejn dawk ta' madwarna, speċjalment dawk akbar minna. Nistgħu ngħidu, għalhekk, li l-ewwel rispett nuruh lejn il-membri tal-familja tagħna jew dawk li jieħdu ħsiebna. Bil-mod il-mod dan ir-rispett nibdew nuruh ukoll lejn nies oħrajn. L-aħjar mod li jiena nista' nuri r-rispett huwa meta nħobb lill-oħrajn. Ġesù tant ħabbna li miet għalina.

## Imħabba u Rispett

**1**

Imla ċ-ċrieki tad-dawra b'simboli jew kliem li jfissru **mħabba** u **rispett**:





# Aħseb u aħdem

Taħseb li bir-rispett dejjem tirbaħ?

X'inhu l-veru rebħ fejn jidħlu r-rispett u l-imħabba?

# Il-ferħ

Aħna l-Maltin niċċelebraw il-festi tal-qaddisin bil-kbir. M'hemm xejn ħażin li ngħożżu dawn it-tradizzjonijiet li llum huma parti importanti mill-kultura tagħna bħala poplu. Imma ma rridux ninsew li l-bidu u l-iskop ta' dawn il-festi qiegħed fil-fidi tagħna li nistqarru bħala parti mill-identità tagħna. Jekk l-aspett ta' fidi u qima jonqos minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, allura nkunu qed nitilfu l-iskop veru tagħhom.



L-Evanġelju ta' San Ġwann 2, 15 jgħidilna kif Ġesù ttratta mal-bejjiegħa fit-tempju għax fehem li t-tempju għandu jingħata l-qima li tixraqlu.



# Wieġeb

1

1. Min huwa l-patrun tal-festa tal-parroċċa tiegħek?

........................................................................................................................................

2. Taf meta tiġi l-festa tiegħu/tagħha?

........................................................................................................................................

3. Taf xi ħaġa importanti fl-istorja tal-ħajja tiegħu/tagħha?

........................................................................................................................................

4. Kieku kellek tikteb frażi dwar il-padrun/a tal-parroċċa tiegħek din x'kienet tkun?

........................................................................................................................................

## Aħseb u aħdem

Semmi żewġ okkażjonijiet fejn int tista' turi ferħ ġenwin



# Għarfien fi Kristu

Meta fil-Milied naraw il-Maġi jaduraw lil Ġesù tarbija, aħna nagħrfu u nifhmu li dan ifisser li Alla ried juri lilu nnifsu lill-bnedmin kollha. Is-sejħa Alla għamilha lil kull wieħed u waħda minna u għalhekk għandna nirrispettaw lil kulħadd, hi x'inhi r-reliġjon li l-persuna tkun tħaddan. Aħna nafu li hawn ħafna reliġjonijiet differenti u dawn jitolbu rispett kbir minna lkoll. Aħna għarafna lil Kristu meta ħaddanna r-Reliġjon Kattolika. Lilna Kristu qalilna li jxebbah lilu nnifsu mar-Ragħaj it-Tajjeb li jagħraf lin-ngħaġ tiegħu u huma jagħrfu lilu (Ġwanni 10,14). Għalhekk, la għarafnieh, irridu nimxu warajh biex ma nintilfux. Kristu huwa d-dawl li jdawwal it-triq tagħna.

## Aħseb u aħdem

Għalfejn taħseb li int għandek tirrispetta lill-persuni li jħaddnu reliġjon oħra?

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

# Il-Knisja

1

Meta mmorru l-knisja naraw ħafna affarijiet differenti. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

**Bibbja • l-ilma u l-inbid • xemgħat • Tabernaklu • kurċifiss • kalċi**

1. Fuq l-artal ikun hemm ............................................................. li minnu s-saċerdot jixrob.
2. Fuq l-artali tal-ġenb ikun hemm xi ...................................................... li jkunu qegħdin jixegħlu.
3. Fuq nett, imdendel fuq l-artal ikun hemm ...................................................... li juri Kristu msallab.
4. Meta s-saċerdot jaqra silta mill-evanġelju, jiftaħ il-...................................................... u jibda jaqra.
5. Meta jkun sar il-ħin għall-Ewkaristija, is-saċerdot iġib il-kalċi
   bl-ostji mit-.......................................................................
6. L-abbati jgħin lis-saċerdot billi jġiblu l-impulluzzi (vażetti żgħar) li fihom
   ikun hemm.......................................................................

2

# Fejn jidħlu dawn?

Kelma minnhom se tintuża aktar minn darba.

**Menorah • Mulej • Mosè • Musulmani • Minaret • Moskea**

1. Il-Lhud minflok x-xemgħat li nużaw aħna, jixegħlu kandelabru li jissejjaħ
   ............................................................ .
2. Il-............................................................ ifisser id-dawl tal-............................................................ li tfakkar fix-xitla
   taqbad bla ma tinqered, fejn ............................................................ sema' lil Alla jkellmu.
3. Il-post fejn jitolbu l-............................................................ jissejjaħ ............................................................ u t-torri twil
   li jkollha kull Moskea jissejjaħ............................................................

# L-għaqda

Meta Kristu kien qiegħed imut fuq is-salib huwa qal dawn il-kelmiet: **"Mara, hawn hu ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok." U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.** (Ġw. 19, 25-27).

Dan ifisser li Ġesù ried jagħtina 'l Ommu Marija biex tkun ukoll ommna. Minn dak il-ħin seħħet din l-għaqda bejn il-bnedmin u Marija Omm Alla. Din l-għaqda ma' Marija għandha tfisira għalina għaliex Marija dejjem tindikalna t-triq lejn Ġesù. Ġesù qalilna li **"fejn hemm tnejn jew tlieta miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom"**. (Mt 18, 20)

Mela meta nkunu flimkien bħala familja, jew fil-knisja jew f'xi grupp ieħor u nkunu qed nitolbu, hu jkun magħna.



# Imla

1

**Imla l-vojt b' dan il-kliem:**

**proxxmu • nuqqasijiet • ħabbrilha • miġbura • Santissma Trinità**

1. Lil Marija, l-Anġlu Gabrijel .................................................... li kellha ssir omm.
2. Ommna Marija ġiet inkurunata mis-.................................................... ....................................................
3. Meta nagħtu l-paċi lil xulxin inkunu qed ngħidu li għandna nħobbu
   'l-.................................................... tagħna.
4. "Fejn tnejn jew tlieta jkunu .................................................... f'ismi hemm inkun jien f'nofshom."
5. Għandna nħobbu 'l-proxxmu tagħna u naħfrulu xi ....................................................

# Ewkaristija

2



L-għaqda ta' bejnietna jista' jkollha l-għajn vera tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija li meta tiġi ċċelebrata bħala liturġija ħajja tista' tkabbar l-għaqda tal-komunità.
L-għaqda fl-Ewkaristija tista' tidher l-aktar:

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

## Aħseb u aħdem

X'inhu l-impenn li għandna nieħdu personalment u flimkien biex inkunu persuni li nġibu għaqda kull fejn inkunu?

..............................................................................................................................

X'inhuma l-affarijiet li normalment iġibu l-firda bejnietna?

..............................................................................................................................

# Is-sinjali

**Is-sinjali f'ħajjitna huma importanti. Niltaqgħu ma' ħafna sinjali fit-toroq. Li kieku min isuq ma jifhimhomx, ikollna konfużjoni kbira fis-sewqan. Imma dawk is-sinjali, għalkemm mhumiex kliem miktuba, jinqraw daqs li kieku kienu kliem u kollha jfissru xi ħaġa preċiża.**

Anke fil-mod kif nitkellmu u nikkomunikaw ma' xulxin nużaw ħafna sinjali jew ġesti li għandhom it-tifsira tagħhom. Dawn is-sinjali mhux bilfors ikunu l-istess f'kull pajjiż. Dan narawh meta nies ta' kulturi differenti jagħtu l-paċi jew isellmu 'l xulxin.

Aħna għandna drawwa li fil-bidu tal-ġurnata jew qabel l-ikel irroddu s-salib. Dak ukoll hu sinjal li jfakkarna f'realtà ikbar, li Alla huwa wieħed fi tliet persuni u li fis-salib ta' Ibnu wriena l-imħabba kbira tiegħu għalina. Sinjali bħal dawn insibuhom wkoll fost popli oħra u fir-reliġjonijiet kollha.

Is-sinjal hu sinjal għax juri xi ħaġa, jindika u jwassal għal tifsira li, kieku aħna ma nkunux nafuha, dak is-sinjal jitlef is-sens tiegħu. Għal xi ħadd li ma jemminx, pereżempju, ftit jagħmel sens li jrodd is-salib.



AĦDEM FI GRUPP

1

Aqra il-Evanġelju ta' San Mark 10, 13-16

# Aqra

Flimkien ma' sħabek, aqra din is-silta u ddiskutu xi jfisser.
Wara iktbu u aqsmu r-riflessjonijiet tagħkom mal-klassi.

........................................................................................................

........................................................................................................

## Aħseb u aħdem

Hemm ħafna sinjali qawwija fl-imġiba tagħna li, mingħajr kliem, juru xi nkunu rridu nfissru jew nikkomunikaw lill-oħrajn. **Sib stampi ta' nies li l-espressjoni ta' wiċċhom hi sinjal ċar ta' xi jridu jgħidu jew kif iħossuhom. Ikteb x'taħseb li qed jikkomunikaw?**

........................................................................................................

........................................................................................................

........................................................................................................



# In-nar

**Meta l-fjammi tan-nar jintużaw bil-għaqal u bi skop tajjeb jagħmlu sabiħ immens.** Dawn il-fjammi ġie li jintużaw fil-purċissjonijiet. Waħda minn dawn il-purċissjonijiet magħrufa ħafna ssir regolarment fil-għaxija f'Lourdes fi Franza u għaliha jattendu eluf kbar ta' nies minn pajjiżi differenti.

Meta nisimgħu l-kelma "nar" x'aktarx li naħsbu fin-nar li jeqred, imma n-nar jista' jfakkarna f'ħafna affarijiet oħra anke pożittivi. In-nar, pereżempju jgħidilna San Pietru, isaffi. In-nar fil-ktieb tal-Eżodu juri b'liema mod Alla kellem lil Mose' fis-siġra taqbad. In-nar fuq ras l-Appostli, kif naqraw fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, jirrappreżenta l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom dak inhar ta' Pentekoste.

In-nar sikwit huwa assoċjat mal-imħabba.

# L-effett tan-nar

1

AĦDEM FI GRUPP

**Fil-ħajja ta' kuljum x'jista' jkun l-effett tan-nar?**

# L-Evanġelju

2

**Iftħu l-Atti tal-Appostli 2, 1-31**

1. Kif taħsbu li kienu qed iħossuhom l-appostli hemm magħluqa flimkien?
2. X'juri n-nar f'din il-ġrajja?
3. X'ġara mill-Appostli wara din il-ġrajja?

## Aħseb u aħdem

Alla kien il-gwida tal-Lhud fit-Testment il-Qadim permezz ta' kolonna ta' sħab bi nhar u tan-nar bil-lejl. X'taħseb li tista' tkun għalik il-kolonna tan-nar li l-Mulej qed jipprovdilek fil-ħajja tiegħek biex tmexxik?

# Il-ħobż

Il-ħobż hu wieħed mill-mezzi bażiċi ta' għejxien. Imma anke l-ħobż, fil-Evanġelju hu sinjal ta' xi ħaġa ferm iktar profonda minn sempliċement l-għejxien tal-ġisem.

Il-ħobż kien minn dejjem l-iżjed ikel importanti u forsi għalhekk Kristu għażel il-ħobż biex iqabblu mal-ġisem tiegħu li jingħata għalina biex aħna ngħixu.

**"Jien il-ħobż ħaj li nieżel mis-sema; jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem; u l-ħobż li jiena nagħti hu ġismi għall-ħajja tad-dinja."** (Ġwanni 6, 51)

## Aħseb u aħdem

Fil-ġrajjiet li semmejna kien hemm Ġesù li minħabba fih seħħet bidla fil-persuna/i li kien hemm preżenti. X'taħseb li tista' tagħmel l-Ewkaristija fik?

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................



# Kompli dawn is-sentenzi 1

1. "Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż ........................................................................................ "

2. Kristu qal: "Dan hu ġismi.............................................................................................................."

3. Aħna ningħaqdu flimkien...............................................................................................................

4. Kristu għażel il-ħobż biex ............................................................................................................

# Imla l-vojt 2

Bħala grupp agħżlu waħda minn dawn is-siltiet u wara li taqraw is-silta sew, imlew il-vojt.




| | |
|---|---|
| **It-Tkattir tal-Ħobż** | Mk 6, 34-44 |
| **Is-Sejħa ta' Żakkew** | Lq 19,1-10 |
| **Marta u Marija** | Lq10, 38-42 |

Liema silta għażiltu? ..........................................................................................................

Min kien preżenti għal din l-ikla? ..........................................................................................

Kif kien/u qabel l-ikla? .........................................................................................................

Kif kien/u waqt l-ikla? ..........................................................................................................

Kif kien/u wara l-ikla? ..........................................................................................................





# Id-dielja

Id-dielja hija siġra li Ġesù juża biex jagħtiha tifsira li tmur lil hinn minn sempliċi siġra li tagħti l-frott. Jekk id-dielja ma tkunx b'saħħitha, din ma tagħtix għeneb tajjeb. Ġesù, għalhekk, xebbah lilu nnifsu ma' dielja li tikber u tagħti frott tajjeb. Huwa qalilna: "Jien id-dielja u intom il-friegħi" (Ġwanni 15, 5) u jgħidilna li jekk ma nibqgħux magħqudin miegħu aħna ma nistgħux nagħtu frott tajjeb. Dan ifisser li bogħod minnu aħna nkunu konfużi u faċli nintilfu u nitilfu d-direzzjoni.

# Wieġeb

1

1. Is-siġra li minnha nieħdu l-għeneb tissejjaħ.........................................................................
2. Iż-żewġ simboli ta' ikel u xorb li jintużaw fl-Ewkaristija huma..............................................,

   ......................................................................................................................................
3. Ġesù fl-Evanġelju ta' San Ġwann, Kapitlu 15, xebbaħ lilu nnifsu

   ......................................................................................................................................
4. Jekk ninqatgħu minn ma' Ġesù aħna ..........................................................................
5. L-ewwel darba li seħħ is-Sagrament tal-Ewkaristija kien fl- ..............................................

# Imla l-għeneb

Ħares lejn dan l-għanqud u fuq l-għeneb niżżel l-effetti tajbin tal-inbid li jsir mill-għeneb.

2



## Aħseb u aħdem



F'dan il-kalċi ikteb talba ta' ringrazzjament lil Ġesù li tana lilu nnifsu b'dan il-mod.

# Il-ħbiberija

## STORJA

Eliża riedet tagħmel kejk speċjali għall-ħabiba tagħha. Bdiet billi ħawdet il-marġerina, flimkien maz-zokkor. Wara tefgħet il-bajd, żiedet id-dqiq, ftit ilma u ftit essenza. Tefgħet kollox f'dixx u ħmietu ġol-forn. Qagħdet attenta li tagħtih it-temperatura adattata u l-ħin eżatt. Meta sar, ħarġitu mill-forn, ħallietu jiksaħ u fl-aħħar żejnitu biċ-ċikkulata u ċ-ċirasa għax hekk kienet tħobbu ħabibitha. Meta lestiet, straħet u ferħet għax il-kejk kien perfett.

1

AĦDEM FI GRUPP

## X'taħseb?

1. X'taħseb li għamel dan il-kejk speċjali?
2. Għalfejn dan il-kejk kellu jkun speċjali?
3. X'tgħidilna l-istorja dwar Eliża u l-ħabiba tagħha?
4. X'iwassal għall-ħbiberija u l-imħabba ta' vera?



..........

..........

..........

..........

..........

..........

..........

# Il-Ġenesi

2



Meta Alla ħalaq id-dinja, ħaseb u ppjana kollox. Dan għamlu għax fil-verità kellu mħabba speċjali lejn il-bniedem u ried jibni ħbiberija speċjali miegħu. **Iftaħ il-ktieb tal-Ġenesi 1, 27-28.**

1. X'qed jagħmel Alla f'din is-silta? ..........................................................................................

   ..........................................................................................................................................

2. Għalfejn għamel dan kollu Alla? ..........................................................................................

   ..........................................................................................................................................

3. Fejn urieha l-ħbiberija tiegħu Alla? ......................................................................................

   ..........................................................................................................................................

4. Kif nistgħu nuru din il-ħbiberja li wera Alla magħna u mal-oħrajn speċjalment:
   i) ma' dawk li jieħdu ħsiebna
   ii) mal-għalliema tagħna

   ..........................................................................................................................................

   ..........................................................................................................................................

## Aħseb u aħdem

Ikteb talba ta' ringrazzjament lil Alla li toħroġ minn dak li qrajt fis-silta u li ddiskutejt.

# Jien u sħabi

Tinsab fis-Sitt Sena tal-Primarja. L-esperjenzi li għaddejt minnhom tul dawn il-11-il sena li ilek tgħix u s-snin li għaddejt fl-iskola għamluk it-tifel/tifla li int illum. Il-qawl Malti 'Ma' min rajtek xebbahtek' huwa veru għax l-esperjenzi li għaddejt minnhom permezz tal-familja u tal-ħbieb ħallew il-marka tagħhom fuqek għax m'hemmx dubju li ħallew influwenza fuq kif taħseb u kif iġġib ruħek. Dak li int illum huwa riżultat ta' dak kollu li ltqajt miegħu int sa issa.



**1**

Minn dak li għaddejt minnu, iddiskuti flimkien ma' sħabek xi esperjenza sabiħa li kellek u li ħalliet marka fuqek. Wara niżżel xi punti minn din l-esperjenza.

AĦDEM FI GRUPP

...........................................................................................................................................................

...........................................................................................................................................................

## 2 Oħloq powster

Pinġi jew sib stampi ta' kif għandha tkun ħbiberija

## Aħseb u aħdem

Alla ħalaq kollox għalik. X'taħseb li għandek tagħmel biex il-ħbiberija miegħu ma titkisser qatt? X'tista' tagħmel biex tkun mezz ta' kif tieħu ħsieb l-ambjent?

# Il-fidi

Il-bniedem minn dejjem ħass il-bżonn li jħares lejn xi ħadd li hu aqwa minnu. Dan ix-xi ħadd aħna l-Insara nsejħulu **Alla**.

## Iddiskuti fil-klassi

X'jiġi f'moħħok meta tisma' l-kelma *reliġjon*.

qima

## Ftakar ftit

1

X'kien iħoss il-bniedem primittiv dwar l-hekk imsejħa **allat**? *(Agħżel it-tajba)*

- Kien iħoss il-bżonn **(li jagħti qima lill-allat, li jaħdem ir-raba')**.
- Kien jagħti qima lill-allat għax **(kien jemmen li dawn jistgħu jgħinuh, hu kien iħossu daqs dawn l-allat)**.
- Dan kollu juru li **(l-bniedem mhu xejn mingħajr Alla, kien jibża' ħafna minn Alla)**.

Il-kelma **Reliġjon** tfisser rabta jew għaqda mal-fidi li wieħed iħaddan. Meta inti temmen, tkun marbut bil-moħħ u l-qalb ma' dak li temmen. Għandna ħafna reliġjonijiet. Tagħna tissejjaħ ir-Reliġjon Kattolika li hi mibnija fuq it-tagħlim ta' Ġesù.

# Veritajiet

2

**Kompli dawn il-veritajiet li aħna għandna nemmnu billi tagħżel il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel.**

- L-Iben t'Alla ġie mibgħut fid-dinja sabiex jgħallimna .................................... u jsalvana mill-ħażen.
- Ġesù għalhekk hu s-.................................... tagħna qalilna kif għandna ngħixu biex immorru l-....................................
- Wara tlett ijiem Ġesù qam .................................... fuq il-mewt.
- Ġesù tana t-tmien .................................... bħala gwida għalina.
- It-tieni persuna tat-Trinità Qaddisa hu (l-Missier, l-Iben, l-Ispirtu S-Santu).

**ġenna • nħobbu • Salvatur • beatitudnijiet • rebbieħ**

**Ir-Reliġjon Nisranija, jew il-Kristjaneżmu, għandha storja twila u matulha seħħew diversi firdiet li minnhom ħarġu:**

- L-Ortodossi
- Il-Protestanti
- Il-Kattoliċi

**Dawn ħarġu mill-Knisja Kattolika**

Bejn dawn il-frieġħi li ħarġu mir-Reliġjon Nisranija hemm differenzi u l-ekumeniżmu hu l-moviment biex iressaq eqreb lejn xulxin dawn il-frieġħi li lkoll jistqarru l-fidi waħda tagħhom f'Ġesù Kristu. Dawn il-frieġħi mhumiex reliġjonijiet differenti, imma frieġħi differenti tar-Reliġjon Nisranija

## Aħseb u aħdem

**Kull sena ssir ġimgħa ta' talb għall-għaqda bejn l-Insara.**

- Meta ssir din il-ġimgħa?
- Għaliex importanti nitolbu għall-għaqda tal-Insara?

................................................................................
................................................................................
................................................................................
................................................................................
................................................................................
................................................................................



# Iċ-ċelebrazzjonijiet

Ir-Reliġjon Nisranija taqsam xi aspetti mit-twemmin tagħha ma' Reliġjonijiet oħra fosthom il-Ġudaiżmu u l-Islam.  Kollha jemmnu li hemm Alla wieħed li ħalaq l-Univers b'dak kollu li nsibu fih u li Alla huwa dak li jħobbna u  jiggwidana fil-ħajja tagħna.

# Ir-Reliġjonijiet

AĦDEM FI GRUPP

1

**Minn dak li taf dwar it-tliet Reliġjonijiet, iddiskuti ma' sħabek u immarka dawk il-prattiċi jew it-twemmin li huma l-istess għat-tliet Reliġjonijiet.**

- It-Talb
- Is-Sagrifiċċji
- Is-Swat bil-frosta
- Il-Fidi fil-Madonna
- It-Twemmin f'Alla
- It-Twemmin f'Ġesù bħala l-Iben t'Alla
- Is-Sawm
- Il-Quddiesa
- Ċertu ikel li ma jittikilx
- Il-Maħfra

Poġġi l-festi jew ġrajjiet tar-Reliġjonijiet li ssib hawn taħt skont ir-Reliġjon li tipprattikahom.

| Il-Kristjaneżmu | L-Islam | Il-Ġudaiżmu |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

- Ħadd il-Palm • Pesach • Sukkot, Muħammed – Maulud • il-Milied
- Ed ul – Ftr • Eid ul-Adha • l-Epifanija • l-Għid • ir-Ramadan
- ir-Randan • Shavuot • Rosh Hashanah

## Aħseb u aħdem

Fittex u iddiskuti dwar l-importanza tad-djalogu llum bejn dawn ir-Reliġjonijiet.

......................................................................................................

......................................................................................................

# Komunikazzjoni u Evanġelizzazzjoni

Il-messaġġ tal-imħabba t'Alla li aħna rċevejna u li nemmnu fih, fid-dinja għandna impenn biex inwassluh lil ħaddieħor. Mingħajr impożizzjoni, l-insara jsibu modi u metodi kif jikkomunikaw mad-dinja ta' madwarhom dan il-messaġġ ta' Ġesù Kristu. Dan irid isir f'rispett lejn reliġjonijiet u twemmin ieħor u anke f'rispett lejn min ma jemminx u ma jipprattika l-ebda reliġjon. Kif nikkomunikaw it-twemmin tagħna mad-dinja ta' madwarna hu importanti.

Dak li aħna nemmnu fih mhuwiex biss duttrina imma ħajja. Barra t-tagħlim hemm ix-xhieda. Barra x'taf u x'titgħallem, hemm l-imġiba. Ġesù juri ħafna ċar fil-Evanġelju li jekk l-imġiba tagħna ma tkunx taqbel ma' dak li ngħidu li nemmnu, allura nkunu qed ngħixu f'kontradizzjoni.



# In-nisrani u l-oħrajn

1. Semmi tliet modi kif in-Nisrani jista' jwassal lill-oħrajn l-esperjenza tiegħu ta' Alla.

..........................................................................................................................................

2. Meta xi ħadd qed jgħallem dwar Ġesù u l-Evanġelju, dik insejħulha 'Evanġelizzazzjoni'. Pajjiżna kellu u għad għandu ħafna missjunarji li ħassew is-sejħa, telqu l-familja u lil pajjiżhom, u marru f'pajjiżi mbiegħda, anke pajjiżi li ma kinux Insara, biex iħabbru din l-aħbar it-tajba ta' Ġesù.

3. Taf tkompli dawn is-sentenzi?

Ġesù jinqeda b'diversi mezzi sabiex .................................................... nkunu aktar viċin tiegħu. Hu jkun qed iħabbat il-bieb ta' .................................................... u jistedinna sabiex .................................................... qalbna u moħħna waqt li nisimgħu l-.................................................... tiegħu. Permezz ta' din il-Kelma aħna nersqu aktar viċin t'.................................................... l-Missier. Aħna stess nistgħu nevanġelizzaw fl-ambjenti tagħna u f'pajjiżna speċjalment bix-xhieda tagħna. Bħala Nsara dixxipli ta' Ġesù rridu aħna wkoll naħsbu dwar metodi u mezzi ġodda ta' kif nikkomunikaw il-messaġġ tal-Evanġelju b'mod li jiftiehem illum.

## Aħseb u aħdem

Kif nistgħu nkunu mezz ta' evanġelizzazzjoni fl-ambjenti tagħna u fost sħabna?

Liema taħseb huma l-mezzi li llum irridu nużaw biex nikkomunikaw aħjar il-messaġġ Nisrani?

# Ġesù – l-akbar ħabib



**Ġesù hu dak li ġie fid-dinja biex l-ewwel jurina l-imħabba ta' Alla għalina u mbagħad jurina kif din l-imħabba nistgħu nilqgħuha u nwassluha lill-oħrajn.**

## Ġesù

1

Kieku kellek tiddiskrivi lil Ġesù x'kont tikteb fuqu? Imla l-ħajt.

## 2 X'taf?

**Ħares lejn dawn is-sentenzi dwar Ġesù. Imla l-vojt bil-kliem tajjeb dwar li taf int fuq Ġesù.**

- Ġesù – l-Iben t'Alla li ġie mibgħut fid-dinja biex isalvana mid-.................................................................... u jressaqna viċin t'Alla.
- Hu wera ................................................................... rispett u ħbiberija lejn kulħadd anke lejn dawk li kienu 'differenti'.
- Il-predikazzjoni tiegħu kienet għal kulħadd u l-............................................................ kienu stejjer li kien jgħid li seta' jifhimhom kulħadd.
- Barra minn hekk, kien iħenn u jagħmel il-.......................................................... (kemm spiritwali kif ukoll fiżiċi) ma' kulħadd.
- Dan juri kemm Ġesù kellu jdejh miftuħa għal kull persuna u ried

  is-........................................................... ta' kull bniedem.



## Aħseb u aħdem

Ġesù kien jikkomunika b'modi differenti ma' nies differenti. Wieħed mill-persuni li kellu x-xorti li jiltaqa' ma' Ġesù u jduq il-qawwa tiegħu u tal-kelma tiegħu kien Bartimew, wieħed mill-għomja fil-Evanġelju li Ġesù għamel miraklu miegħu. **Fittex: Mark 10, 46-52**

**Aqra s-silta u wara aħseb u ikteb:**

- X'wassal lil Bartimew biex jersaq lejn Ġesù? • Kif laqgħu u kellmu Ġesù lil Bartimew?
- X'nitgħallmu llum minn dan il-miraklu?



# L-eżami tal-kuxjenza

**Li nkunu Nsara tajbin ifisser li aħna nkunu ħbieb ta' Alla. Fil-prattika dan nuruh meta ngħixu skont dak li nemmnu fih u li qalilna hu. B'hekk inkunu Nsara ta' veri u mhux Insara tal-isem.**

## Il-ħajja Nisranija

1

**Imla l-vojt bi kliem adattat biex turi kif għandek tkun Nisrani jew Nisranija ta' vera:**

- Tipparteċipa fis-..............................., l-aktar f'dawk tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ewkaristija.
- Taqra u tistudja l-...............................
- Tħalli lil Ġesù jkun il-............................... tiegħek u tgħix fuq l-eżempju tiegħu.
- ...............................ta' sikwit u mhux meta jkollok bżonn biss.
- Tgħin u tobdi lill-...............................
- Tagħti ............................... lil kull min hu fil-bżonn.
- Timxi fuq l-............................... tal-Madonna u l-Qaddisin waqt li titlob l-għajnuna tagħhom fit-talb.
- ............................... u tkun involut ma' oħrajn biex il-mixja tiegħek ta' fidi tkun flimkien ma' oħrajn.
- Tfittex li tieħu ............................... siewi mingħand nies ta' madwarek (ġenituri, għalliema, katekisti, saċerdoti eċċ.) meta jkollok problema jew meta tkun se tieħu xi deċiżjoni.
- ............................... lil kull min jagħmillek id-deni, għax Ġesù hekk għamel.

# Il-Kuxjenza

**Iddiskuti ma' sħabek dawn il-punti.**

2

- Kif nuri bl-azzjonijiet tiegħi li nħobb lil Alla?
- Kif nista' nagħmel biex kliemi juri rispett lejn Alla, lejn in-nies ta' madwari u lejja nnifsi?
- Meta mmur il-knisja, kif nista' nagħti attenzjoni għal dak li jkun qed isir u jingħad?
- Kif nista' nieħu ħsieb saħħti?
- Kif nista' nuri rispett lejn ġismi u ġisem ħaddieħor?
- Kif nista' nkun responsabbli għall-affarijiet tiegħi u tal-oħrajn?
- Kif nista' ngħid dejjem il-verità?
- X'nista' nagħmel biex nuri mħabba lejn il-familja tiegħi u nżomm l-għaqda?
- X'nista' nagħmel biex inħossni sodisfatt/a bil-ħajja tiegħi?

AĦDEM FI GRUPP

## Aħseb u aħdem

- Illum hu possibbli nsibu ħin flimkien għat-talb fil-familja?

- Kif nista' jien nagħmel sforz u impenn biex ngħin ħalli dan il-ħin nsibu?

# Inħobb lill-oħrajn

Fir-rakkont tal-ħolqien fil-Bibbja nsibu li Alla, meta ħares, ra li kollox kien sewwa ħafna. Alla għamel kollox tajjeb. Imma sa mill-bidu, fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin, daħlu l-għejra, il-ġlied, il-pika, u l-firda. Ix-xitan mill-bidu nett ried idaħħal fil-qalb tal-bniedem id-dubju dwar Alla kemm hu tassew tajjeb u ħanin, dwar kemm għamel verament kollox tajjeb, u dwar kemm il-bniedem tassew għandu bżonn lil Alla f'ħajtu. Imma 'Alla huwa mħabba' u l-imħabba tista' tirbaħ dan kollu.

## Mit-Testment il-Ġdid

1

**Fittex l-ewwel ittra ta' San Ġwann 4, 7-10 u imla l-vojt bil-kliem adattat:**

"Ejjew inħobbu lil .................................................. għax l-imħabba ġejja minn ..................................................

Dak li ma .................................................., m'għarafx lil Alla għax Alla huwa mħabba... tant li

bagħat lil .................................................. biex ikun ta' tpattija għal dnubietna".

Bħal Ġesù, aħna għandna nħobbu, ngħinu u nirrispettaw lil kulħadd mingħajr ma nagħmlu differenza ta' kulur tal-ġilda, ta' reliġjon, ta' intelliġenza jew pożizzjoni fis-soċjetà. Fil-fatt jekk naraw l-Atti tal-Appostli 10, 34-35 insibu hekk:

2

*"Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd , imma jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun."*

X'qed tgħidilna din is-silta? ..................................................................................................

..................................................................................................

# Aħseb u aħdem

**Aqra din l-email sew:**

Jisimni Issam u jiena tifel mil-Libja. Lil missieri ta' spiss nisimgħu jirrakkonta dwar Malta u kemm il-Poplu Malti huwa ħanin u twajjeb ma' kulħadd. Missieri qalli li bħala reliġjon, Malta hija differenti minna. Semmieli l-isem ta' Ġesù u qalli li intom temmnu li huwa l-Iben t'Allah. Qalli wkoll li tfakkru t-tbatija tiegħu fi żmien ir-Randan billi tagħmlu xi sagrifiċċji. Anki aħna, tafx, għandna r-Ramadan. Dan idum xahar fejn insumu minn tlugħ ix-xemx sa nżulha. Nixtieq li kieku nsir naf aktar dwar ir-Reliġjon tagħkom – l-aktar dwar xi festi reliġjużi li tiċċelebraw matul is-sena.

Is-sliem. *Issam*

Wieġeb lil Issam billi titkellem dwar Ġesù u dwar xi festi kbar liturġiċi Nsara li lilek jgħinuk tersaq lejn Alla u lejn l-oħrajn.





# Alla hu d-dawl tagħna

Il-fidi tagħna hija mibnija fuq id-dawl. Meta ħajjitna ngħixuha fid-dawl tal-preżenza t'Alla nkunu fid-dawl. Meta noħorġu minn dik il-preżenza niġu fid-dlam. San Ġwann fil-bidu tal-Evanġelju tiegħu joħroġ b'mod qawwi dan il-kuntrast bejn id-dawl u d-dlam f'ħajjitna u jitkellem dwar meta

**"Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux"**
(Ġwann 1, 5).

## Aħseb u aħdem

**1. X'inhu dak li jdawwal il-ħajja tiegħek?**

................................................................................................................................................

................................................................................................................................................

# Imla l-vojt

1

**• tama • dnub • fired • dlam • Mosé • Damasku • qawwa • kastig • ferħ • xemx • dawl • musbieħ • Blandun • imħabba • Ġenesi**

1. Ix-........................................................................taqħtina d-dawl u l-ħajja.
2. Id-dawl huwa simbolu ta'........................................................................ u.........................................................................
3. In-nar li jagħti d-dawl juri l-........................................................................ t'Alla.
4. Fil-........................................................................ hemm li Alla ħalaq id-dawl fl-ewwel ġurnata u li ........................................................................ d-dawl mid-.........................................................................
5. L-Eġizzjani kellhom joqogħdu tlett ijiem fid-dlam bħala ........................................................................ talli ma ħelsux lill-Poplu Lhudi mill-jasar.
6. Alla kellem lil ........................................................................ permezz tas-siġra taqbad.
7. Il-........................................................................ kien jintuża fi żmien Ġesú biex idawwal il-post.
8. San Pawl ra dawl qawwi meta kien fit-triq lejn ........................................................................ biex jippersegwita lill-ewlenin Insara.
9. Id-........................................................................ idallam il-ħajja tan-Nisrani u l-ħbiberija m'Alla u mal-oħrajn.
10. Aħna l-Insara għandna nkunu ........................................................................ għall-ġnus kollha.
11. Il-........................................................................ hija xemgħa twila li tirrappreżenta d-dawl tal-qawmien ta' Ġesù fil-komunità.
12. In-Nisrani għandu jdawwal il-ħajja tal-oħrajn permezz tas-sabar u tal-.........................................................................

**2. X'inhu dak li jdallam il-ħajja tiegħek?**

........................................................................................................................................................

........................................................................................................................................................

# Ġesù qam mill-mewt



**Ġesù huwa dak li jurina t-triq għal għand il-Missier. L-akbar ġrajja ta' dawl fil-ħajja ta' Ġesù kienet bla dubju l-qawmien tiegħu mill-mewt. Hemmhekk id-dawl għeleb id-dlam. Hu għalhekk li l-liturġija tal-Għid tibda propju bl-ewwel parti li hi l-liturġija tad-dawl.**

## Il-ġrajja tal-Għid - Allelujah!

**Ikteb in-numri ħdejn is-sentenzi biex toħroġ l-ordni ta' kif seħħ il-qawmien ta' Ġesù skont il-Evanġelju ta' San Mattew. L-ewwel waħda hija lesta.**

1

| | |
|---|---|
| | L-anġlu qal lin-nisa biex ma jibżgħux għax kien jaf li qed ifittxu lil Ġesù. |
| | Huma marru jagħtu l-aħbar lid-dixxipli tiegħu. |
| 1 | Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar. |
| | L-għassiesa beżgħu ħafna malli rawh u ma ċċaqalqux minn fejn kienu. |
| | L-anġlu tal-Mulej niżel mis-sema u gerbeb il-ġebla. |
| | Ġesù qalilhom biex imorru jwasslu l-aħbar li kien ser jiltaqa' mad-dixxipli fil-Galilija. |
| | L-anġlu qalilhom ukoll biex imorru malajr jgħidu lid-dixxipli li Ġesù qam mill-mewt. |
| | Waqt li kienu sejrin jagħtu l-aħbar, Ġesù ltaqa' magħhom u qalilhom, 'Is-sliem għalikom.' |



## Aħseb u aħdem

Fil-verità, għalik xi tfisser li Ġesù qam mill-mewt? Kif nistgħu nwasslu l-messaġġ tal-qawmien ta' Ġesù fid-dinja tal-lum?

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

# L-Għid il-Kbir u d-dawl fil-ħajja tan-Nisrani

Li Ġesù qam mill-mewt jurina li hu rebaħ fuq id-dlam, il-mewt, id-dnub, il-ħażen u t-tbatija. Ir-rebħa tiegħu jista' aħna wkoll ikollna sehem minnha bħala dixxipli ta' Ġesù.



AĦDEM FI GRUPP

Aqra l-Evanġelju skont San Mattew 25, 1-13

# It-Tieġ

Aqra l-parabbola li ssib flimkien mal-grupp tiegħek u oħolqu mima għal din l-istorja fejn Ġesù jistedinna nistennewh f'ħajjitna. Imma waqt li qed nistennewh, u fil-mod kif ngħixu ħajjitna, nistgħu nkunu għaqlin jew boloh. Kuntrast ieħor bħal tad-dawl u d-dlam.

## Iddiskuti mal bqija tal-klassi

1. X'tirrappreżenta l-festa tat-tieġ? ....................................................................................
2. Min huwa l-għarus? ....................................................................................
3. Xi tfisser l-istennija għall-għarus? ....................................................................................
4. Xi jfisser l-għaqal fil-parabbola? ....................................................................................
5. Xi tfisser il-bluha? ....................................................................................
6. X'jista' jfisser għalina ż-żejt fil-kus? ....................................................................................

1

## Aħseb u aħdem

Irrakkonta eżempji fil-ħajja tagħna ta' kuljum illum fejn nagħmlu għażliet għaqlin u fejn inġibu ruħna ta' boloh.

# It-tifsira taċ-ċelebrazzjoni tal-Għid

L-Għid il-Kbir hija l-ikbar festa fil-Kristjaneżmu. Hija l-festa li permezz tagħha nġeddu ġo fina l-qawmien ta' Ġesù mill-mewt u l-ħelsien minn dak kollu li f'ħajjitna jżommna lsiera tal-ħażen jew tagħna nfusna. Għalhekk l-Għid huwa wkoll ċelebrazzjoni ta' ferħ li għandu jimla l-qalb ta' min jemmen tassew li dak li nkunu niċċelebraw seħħ tassew f'Ġesù u għadu jista' jseħħ fina.

## Aħseb u aħdem

1. Semmi sitwazzjonijiet illum fejn hu diffiċli nemmnu li Ġesù tassew rebaħ il-ħażen.

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

# Wordsearch

1

Sib dan il-kliem mill-*wordsearch*. L-ewwel waħda hija lesta

- **blandun** • **magħmudija** • **wegħdiet** • **abjad** • **tberik** • **nar**
- **llma** • **qawmien** • **vġili** • **qari** • **kant** • **ewkaristija**

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| b | v | r | q | a | q | a | r | i | w | f | ż | x | f | j |
| n | b | g | r | v | s | g | e | ċ | ġ | x | n | k | ħ | a |
| s | a | ċ | w | b | d | g | j | f | x | i | s | r | u | b |
| b | a | s | d | l | f | k | b | o | e | l | ħ | q | p | j |
| s | m | d | m | a | g | ħ | m | u | d | i | j | a | j | a |
| r | l | k | o | n | s | d | w | e | f | ġ | v | w | j | d |
| s | i | h | ġ | d | ħ | ċ | r | q | t | v | s | m | i | w |
| f | p | p | j | u | v | n | s | r | n | ħ | g | i | p | o |
| e | r | x | b | n | j | e | a | t | w | d | h | e | k | t |
| p | u | i | t | d | r | g | h | r | ħ | q | t | n | i | b |
| ġ | l | n | l | p | k | t | d | b | t | d | f | h | r | e |
| g | a | d | e | w | k | a | r | i | s | t | i | j | a | r |
| k | m | f | h | w | e | g | ħ | d | i | e | t | a | b | i |
| ġ | a | e | o | t | q | z | a | e | n | n | b | r | t | k |
| m | f | b | n | g | ġ | r | ż | a | z | ċ | i | j | p | i |

2. Semmi sitwazzjonijiet fejn din ir-rebħa ta' Ġesù tidher fil-konkret.

........................................................................................................................

........................................................................................................................

# Il-Vġili tal-Għid

Il-Vġili tal-Għid hija ċ-ċelebrazzjoni li nagħmlu tard fil-għaxija lejlet l-Għid u hi maqsuma f'erba' partijiet:

- Il-Liturġija tad-dawl
- Il-Liturġija tal-Kelma
- Il-Liturġija tal-Magħmudija
- Il-Liturġija tal-Ewkaristija



Hija ċelebrazzjoni li tibda barra l-knisja, fejn iċ-ċelebrant ibierek in-nar ġdid li minnu jixgħel il-Blandun li mbagħad jitpoġġa fil-għoli u fin-nofs bħala simbolu ta' Kristu Rxoxt, id-dawl veru tagħna.

## Aħseb u aħdem

Għaliex taħseb li l-festa tal-Għid hija l-ikbar festa għan-Nisrani?

Minn kif niċċelebraw l-Għid aħna, jidher tassew li din hi l-ikbar festa għalina?

# Kompli s-sentenza

1

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi timla n-numri mit-2 sal-11 fil-kolonna vojta tan-nofs. L-ewwel waħda hija eżempju.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Fil-quddiesa tal-Għid isiru | | Kristu jasal għandna mingħand l-oħrajn u aħna ngħadduh lil ħaddieħor. |
| 2 | Fil-bidu tal-quddiesa l-qassis ibierek | | lill-poplu tiegħu matul iż-żminijiet. |
| 3 | Meta nixegħlu x-xemgħat ta' xulxin niftakru li | | il-kant tas-Salmi. |
| 4 | Ikun hemm il-kant u l-qari tas-seba' siltiet mill-Kotba Mqaddsa | | isir it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija. |
| 5 | Waqt li nisimgħu s-seba' siltiet niftakru kif Alla ħabb | | biex niftakru fil-ġrajja tal-qawmien. |
| 6 | Wara kull silta jsir | 1 | riti li fihom niċċelebraw il-qawmien mill-mewt ta' Ġesù. |
| 7 | Inkantaw l-Alleluja u nsegwu l-Evanġelju | | fit-tqarbin fejn nirċievu lil Ġesù ġo fina. |
| 8 | Wara l-omelija ssir | | in-nar ġdid u minnu jixgħel il-Blandun. |
| 9 | Wara li t-trabi jitgħammdu | | li huma kollha meħudin mit-Testment il-Qadim. |
| 10 | Permezz tal-Ewkaristija aħna nkunu nistgħu nieħdu sehem | | bil-ħobż kif ukoll bl-inbid ikkonsagrat: il-Ġisem u d-Demm ta'Kristu. |
| 11 | It-tqarbin jista' jsir kemm | | iċ-ċerimonja tas-Sagrament tal-Magħmudija. |

# Is-simboli marbuta mal-Għid il-Kbir

Hemm diversi simboli marbuta mal-festa tal-Għid.
Hemm dawk liturġiċi, li ngħixuhom tul iċ-ċelebrazzjoni twila iktar mis-soltu tal-Vġili tal-Għid.
U hemm ħafna simboli oħra li huma ta' xejra soċjali u kulturali.

Iddiskuti ma' sħabek xi simboli li jmorru ma' din il-festa tal-Għid u niżżilhom hawn taħt

1

AĦDEM FI GRUPP

| Simboli Liturġiċi | Simboli Soċjali Kulturali |
| --- | --- |
| | |

# Aħseb u aħdem

Dawn il-persuni kienu jafu lil Ġesù. X'kien l-effett tal-aħbar tal-qawmien tiegħu mill-mewt?

Pietru ..................................................................................................



..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................



Marija Madalena..................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

Tumas......................................................................................................



..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

# Sitwazzjonijiet

**Jekk infittxu d-dawl ta' Ġesù li qam mill-mewt f'kull ma nagħmlu u ngħaddu minnu, kull sitwazzjoni fil-ħajja ta' kuljum tgħinna nikbru**

## X'taħseb?

1

Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u imarka taħt TAJJEB jew ĦAŻIN.

| | TAJJEB | ĦAŻIN |
|---|---|---|
| Nagħmel id-doveri tiegħi mill-qalb. | | |
| Ngħajjar u niġġieled mal-oħrajn. | | |
| Nittraskura l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd. | | |
| Nobdi lill-ġenituri u lil min jixtieqli l-ġid. | | |
| Ma nkellimx nies ta' reliġjonijiet oħra jew twemmin mhux Nisrani. | | |
| Nagħmel ix-xogħol id-dar meta jkolli aptit. | | |
| Ngħin lil min hu fil-bżonn. | | |
| Nitlob lil Alla u nirringrazzjah. | | |
| Ma nibżax għal saħħti. | | |
| Nistudja r-reliġjon għall-eżami biss. | | |
| Naħfer mill-qalb lil min iweġġagħni. | | |
| Naqra silta mill-Kelma t'Alla. | | |
| Niftaħar bit-tajjeb li nagħmel. | | |



## Aħseb u aħdem

Fil-verità, meta tkun qed tiċċelebra l-festa tal-Għid fil-ħajja tiegħek?

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

# It-tifsira tal-Għid

Mhux l-Insara biss jiċċelebraw il-festa tal-Għid, għalkemm għall-Insara biss l-Għid għandu t-tifsira li Ġesù veru qam mill-mewt.

## L-Għid

Ara x'qed jgħidu dawn l-istampi dwar kif iħarsu lejn il-festa tal-Għid il-Lhud u l-Insara.

1









## Aħseb u aħdem

Immaġina ftit. Ikteb f'sentenza jew oħloq stampa biex tiddeskrivi t-tifsira tal-Għid.

# Il-kultura u r-reliġjon

Aħna l-bnedmin mhux kollha ngħixu fl-istess ambjent. Dan iġib miegħu differenzi fil-mod ta' kif naħsbu, nitkellmu, nilbsu, nieklu u nġibu ruħna. Hu għalhekk li fid-dinja hawn nies b'reliġjonijiet u kulturi differenti. Ir-religjon għandha x'taqsam ma' dak li poplu jemmen, fil-waqt li l-kultura tinkludi dawk id-drawwiet u l-mod ta' ħajja li jagħtu identità lil kull poplu u jagħmluh differenti minn oħrajn.

## Imla l-vojt

1

**Uża kliem addattat**

a. Ir-reliġjonijiet Monoteisti huma dawk li ..........................................................................

...........................................................................................................................................

b. Ir-reliġjonijiet politeisti huma dawk ..................................................................................

...........................................................................................................................................

## Il-kultura

Jekk inħarsu lejn mappa tad-dinja naraw li din hija maqsuma f'kontinenti differenti. Kull kontinent għandu l-karatteristici tiegħu u terġa' kull pajjiż huwa differenti minn ieħor. Dawn id-differenzi kollha jiffurmaw il-ħafna kulturi differenti li nsibu fid-dinja.

Mhux faċli jkun hawn armonija dejjem u f'kollox f'dinja li fiha daqshekk diversità. Hemm l-elementi pożittivi ta' din id-diversità kkulurita, imma hemm ukoll in-negattiv meta d-differenzi jkunu kawża ta' konflitti, gwerer, u mibegħda bejn razza u oħra, bejn poplu u ieħor.

# Aħseb u aħdem

AĦDEM FI GRUPP

Għaliex fil-verità dawn id-differenzi jġibu tant konflitti u kultant anke mibegħda?

Tista' taħseb f'xi storja mill-Evanġelju fejn Ġesù jurina kif għandna nġibu ruħna ma' min hu differenti minna? Iktibha fil-qosor u aqsamha mal-bqija tal-klassi.

F'Malta għandna nies ta' kulturi differenti u allura ta' twemmin differenti. Barra li rridu nirrispettaw u nħobbu lil dawn in-nies, irridu wkoll nġibu ruħna ta' Nsara. X'taħseb li għandha tkun l-attitudni tagħna?



# L-umanità li tgħaqqadna

Ma nistgħux ma nindunawx bid-differenzi li jeżistu bejn il-bnedmin fid-dinja. B'dawn id-differenzi kollha, l-aktar fejn jidħlu reliġjon u kultura, xorta nistgħu ngħixu fil-paċi ma' kulħadd. Irridu niċċelebraw id-differenzi li jeżistu bejnietna biex id-diversità ma tkunx xkiel għall-paċi imma għall-kuntrarju nħalluha xorta waħda tkun possibbli li noħolqu ambjent fejn kulħadd jista' jgħix flimkien mingħajr biża'.

## Differenzi

1

Għalkemm għandna ħafna differenzi, għandna wkoll ħafna affarijiet li jagħmluna simili għal xulxin għax wara kollox aħna kollha bnedmin. Semmi 5 affarijiet li lkoll naqblu dwarhom. L-ewwel waħda lesta.

a. Nixtiequ li nkunu rispettati.

b.

c.

d.

e.

Agħżel waħda u spjegaha:



# Aħseb u aħdem

## Aqra l-Evanġelju ta' San Ġwann 4, 1-42

AĦDEM FI GRUPP

**Aqra s-silta tas-Samaritana u wara li tiddiskuti dawn il-mistoqsijiet ma' sħabek, ikteb it-tweġibiet tiegħek.**

1. X'għandha x'taqsam din is-silta mas-suġġett li qed nittrattaw?

......................................................................................................................................

2. X'ħoloq it-twemmin u l-kultura hawnhekk?

......................................................................................................................................

3. X'kienet l-imġiba ta' Ġesù mas-Samaritana?

......................................................................................................................................

4. X'kienet l-imġiba tas-Samaritana ma' Ġesù?

......................................................................................................................................

5. Għalfejn taħseb li s-Samaritana nbidlet?

......................................................................................................................................

6. Kif taħseb li l-karattru tas-Samaritana għenha tinbidel?

......................................................................................................................................





# Melħ u dawl

Ġesù kontinwament jagħmlilna stedina biex nimxu warajh għax hu d-dawl tad-dinja u jekk nagħmlu dan aħna wkoll, bl-eżempju tagħna, inkunu dawl għall-oħrajn. Jgħidilna wkoll li mhux biss nistgħu nkunu dawl, imma wkoll melħ għall-oħrajn. Aħseb ftit x'jagħmel ftit dawl fejn hemm ħafna dlam u x'tagħmel niskata melħ fil-platt tal-ikel.

## Intom il-melħ tal-art

**Aqra din is-silta ta' Ġesù mill-Evanġelju ta' San Mattew 5, 13-16**

"Intom il-melħ tal-art. Imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma? Ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed, ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies. Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet."

## Pinġu

1

**Bħala grupp aħsbu fuq tpinġija li tista' tfisser din is-silta.**

**2**

A. X'inhuma l-propjetajiet tal-melħ? Fil-weraq niżżel x'taħseb li jagħmel il-melħ



B. X'inhuma l-propjetajiet tad-dawl? Fl-imsiebaħ niżżel dawn il-propjetajiet.



## Aħseb u aħdem

**Kif ser inkun dawl? Ġesù qalilna: Intom id-dawl tad-dinja. Int kif tista' tkun dan id-dawl?**

Ikteb 4 eżempji ta' kif tista' tkun dawl fl-ambjenti fejn tgħix.

# L-Ikbar kmandament - l-imħabba



**Ġesù bena l-missjoni u l-messaġġ kollu tiegħu fuq kmandament wieħed li hu l-kmandament tal-imħabba - ħobb lil Alla u ħobb lill-proxxmu tiegħek. Mela, l-isbaħ azzjoni li jista' qatt jagħmel il-bniedem hija dik li jħobb.**

## Mima

1

Oħloq sitwazzjoni permezz ta' mima dwar kif għandha tkun il-vera mħabba. Aqsamha mal-bqija tal-klassi u wara ikteb ir-riflessjonijiet li ħarġu minn din il-mima.

....................................................................................................................................................

....................................................................................................................................................

....................................................................................................................................................

## Il-Kliem ta' Ġesù (Mattew 22, 34-40)

2

Il-Fariżej, meta semgħu kif lis-Sadduċej kien saddilhom ħalqhom, inġabru madwaru, u wieħed minnhom, għaref fil-Liġi, għamillu din il-mistoqsija biex iġarrbu: "Mgħallem, liema hu l-kmandament il-kbir fil-Liġi?"Qallu Ġesù: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. U t-tieni jixbhu: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek, u dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti."

**X'qiegħda tgħidilna din is-silta?**

....................................................................................................................................................

....................................................................................................................................................

....................................................................................................................................................

# Aħseb u aħdem

Ikteb il-parti l-aktar li għoġbitek mis-song 'Love shine a light'  u ikteb għaliex.

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

Kif taħseb li fil-verità l-imħabba ġġib id-dawl?

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

Love shine a light, in every corner of the world
Let the love light carry, let the love light carry
Light up the magic, for every boy and girl
Let our love shine a light, in every corner of the world.

And we're all gonna shine a light together
All shine a light to light a way
Brother's and sister's, in every little part
Let our love shine a light, in every corner of my heart.

And we're all gonna shine a light together
All shine a light to light a way
Brother's and sister's, in every little part
Let our love shine a light, in every corner of my heart
Shine a light, in every corner of my heart.



# It-tlugħ fis-sema ta' Ġesù u Pentekoste

Fil-bidu tal-ktieb tal-Atti tal-Appostli naqraw dwar żewġ ġrajjiet importanti. Fl-ewwel kapitlu naqraw dwar it-tlugħ ta' Ġesù fis-sema (Lapsi) u fit-tieni kapitlu naqraw dwar il-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli (Pentekoste).

Qabel tela' s-sema Ġesù qal lill-appostli li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu huma jkunu jistgħu jmorru fid-dinja kollha, fil-kulturi kollha, qalb kull tip u razza ta' nies biex iwasslu d-dawl tiegħu. Huma ma setgħux jibdew il-missjoni li kien tahom Ġesù mingħajr il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u għalhekk huma stennewh f'Ġerusalemm. Malli rċevewh twieldet il-Knisja u l-Appostli ħarġu jippritkaw il-messaġġ ta' Ġesù.



## Aħseb u aħdem

**1. Fejn dehret l-iktar il-bidla li ġab l-Ispirtu s-Santu fl-Appostli?**

.............................................................................................................................................

.............................................................................................................................................

# Attività

1

Fittex mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli (fit-Testment il-Ġdid) il-passaġġi ta' dawn iż-żewġ ġrajjiet : **Lapsi (Atti 1, 4-11) u Pentekoste (Atti 2, 1-13)** biex tkun tista' timla l-kliem li hemm neqsin f'dawn is-sentenzi.

1. Ġesù qal lill-Appostli biex jibqgħu .................................................................................... jistennew il-wegħda tal-................................................................................. (Atti 1, 4)
2. L-Appostli kellhom ikunu xhieda ta' Ġesù f'Ġerusalemm, fil-................................................................................. kollha u fis-................................................................................. u sa truf l-art. (Atti 1, 8)
3. Kif kienu jħarsu lejn is-................................................................................., hu u sejjer, dehrulhom żewgt irgiel lebsin l-................................................................................., u qalulhom: "Ja rgiel tal-................................................................................. x'intom tħarsu lejn is-sema?" (Atti 1, 10-11)
4. Meta wasal jum il-................................................................................., kienu kollha migmugħin ................................................................................., u minnufih instema' ħoss ġej mis-sema bħal ta' riħ ................................................................................. (Atti 2, 1-2)
5. In-nies li kienu Ġerusalemm staqsew: "Mhumiex kollha Galilin dawn li qed .................................................................................? Mela kif qegħdin nisimgħuhom kull wieħed jitkellem bi ................................................................................. li twelidna fih?" (Atti 2, 7-8)

**2. Illum għaliex taħseb li għad għandna bżonn il-miġja tal-Ispirtu s-Santu?**

.................................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................................

# Ġwanni Pawlu II: miftuħ għal kulħadd

Ġwanni Pawlu II, magħżul Papa fl-1978, kien Papa li ħadem ħafna għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet differenti u biex ikun hawn relazzjonijiet tajbin bejn nies ta' twemmin u kulturi differenti. Ġwanni Pawlu II kien l-iktar Papa li vvjaġġa madwar id-dinja. F'ħafna diskorsi u vjaġġi tiegħu, għalkemm ma waqaf qatt ixandar lil Ġesù Kristu, xorta bena l-appelli tiegħu għall-għaqda u d-djalogu fuq il-valur tad-dinjità li għandu kull bniedem u anke fuq is-sejħa universali għall-qdusija. Baqa' jkun dawl għad-dinja anke jekk kbir fl-età u b'ħafna mard fiżiku sal-aħħar mument ta' ħajtu.

## It-Tagħlim

1

X'jgħallimna Ġwanni Pawlu II. Imla l-vojt.

- Ġwanni Pawlu II twieled .................................................... u miet ....................................................
- Kien bniedem li ħadem għall-għaqda bejn nies ta' .................................................... u kulturi differenti.
- Kien bniedem li kien jirrispetta l-umanità ta' kull ....................................................
- Kien tassew bniedem li kien .................................................... għad-dinja kollha u .................................................... li qatt ma qata' qalbu.
- Hu żar .................................................... pajjiż biex iwassal il-messagg ta' Ġesù Kristu.
- Dan il-Papa kien tassew devot kbir tal- ....................................................
- Hu tkellem b'diversi .................................................... biex fuq l-eżempju ta' Ġesù jxerred it-tagħlim ta' Ġesù lid-dinja kollha.



# Fir-riċerka

2

**Fittex fil-kotba jew fuq l-internet u ara:**

- X'kienet is-sitwazzjoni tiegħu taħt il-ħakma Komunista meta kien qassis u Isqof fil-Polonja?

.................................................................................................................................

- X'kien dejjem jirrepeti u jipprietka quddiem il-moħqrija li kienet qed isseħħ f'pajjiżu?

.................................................................................................................................

- Hu ħalla warajh ħafna tagħlim sabiħ u ta' importanza għall-mixja tal-bniedem lejn Alla. Tista' ssemmi l-enċiklika li kiteb dwar id-dinjità tal-bniedem?

.................................................................................................................................

# Aħseb u aħdem

Ġwanni Pawlu II kien bniedem li ra ħafna għawġ kemm personalment meta f'ċkunitu tilef 'l ommu, lil ħuh u lil missieru kif ukoll bħala Pollakk quddiem it-tbatija tal-poplu tiegħu. X'taħseb li għamlu Papa hekk maħbub u kapaċi jiġbed lejh daqshekk nies?

.................................................................................................................................

.................................................................................................................................

# Madre Tereża: l-imħabba lejn l-ifqar fost il-fqar

Madre Tereża twieldet fis-26 t' Awwissu 1910 ġewwa l-Albanija bħala Agnes Gonxha Bojaxhiu. Mad-dinja kollha hija magħrufa bħala Madre Tereża ta' Kalkutta, fundatrici tas-sorijiet Missjunarji tal-Karità. Hi kienet tgħid li jum it-twelid tagħha huwa fil-fatt is-27 t' Awwissu għax dakinhar ħadet il-Magħmudija. Kienet tgħid ukoll li kienet ta' demm Albaniż, kellha ċittadinanza Indjana għax għexet u ħadmet għal ħafna snin fl-Indja u fil-fidi hija kienet soru Kattolika. Is-sejħa tagħha kienet għad-dinja kollha imma qalbha kienet għal Ġesù biss.

## 1 Kwotazzjonijiet

**Fittex u sib 3 kwotazzjonijiet jew sentenzi li għalihom Madre Tereża baqgħet magħrufa.**



## Aħseb u aħdem

**Aqra dawn is-sentenzi fuq Madre Tereża u ara x'jgħidulek biex tagħmel f'ħajtek illum.**

Madre Tereża kienet trid li s-sorijiet tagħha jgħaddu siegħa kuljum fit-talb quddiem Gesù Ewkaristija.

..........................................................................................................................................

Madre Tereża kienet tgħix ma' sorijiet oħra li kienu qishom familja.

..........................................................................................................................................

Madre Tereża kienet tgħin lill-morda u ma kinitx tiddejjaq tmisshom.

..........................................................................................................................................

Madre Tereża kienet tara lil Ġesù f'kulħadd, imma l-iktar fil-foqra. Hija żaret ħafna pajjiżi fid-dinja l-iktar fejn kien ikun hemm gwerer, mard u faqar.

..........................................................................................................................................

Madre Tereża fil-ħidma tagħha ma kinetx tagħmel differenzi bejn nies ta' twemmin jew kultura differenti .

..........................................................................................................................................

# Inħobb u nirrispetta

F'dan il-kapitlu rajna kemm in-nies minn kulturi differenti u ta' religjonijiet differenti għandhom xi ħaġa komuni li hi l-umanità tagħhom. Aħna, bħala Nsara, irridu dejjem inħobbu u nirrispettaw lil kulħadd għax kulħadd huwa bniedem. Tajjeb għalhekk li aħna nikkultivaw fina din il-kultura u l-attitudni li kull persuna għandha d-dinjità tagħha u jixirqilha rispett.

## Attività

1

Mill-internet sib il-kelma MĦABBA u l-kelma RISPETT b'għaxar lingwi differenti u imla l-kaxxi t'hawn taħt.

| | | |
|---|---|---|
| Malti | Imħabba | Rispett |
| Taljan | | |
| Franċiż | | |
| Spanjol | | |
| Russu | | |
| Ingliż | Love | Respect |
| Indoneżjan | | |
| Ġappuniż | | |
| Portugiż | | |
| Żulu | | |
| Għarbi | | |



**2** Waħħal stampi li juru nies minn pajjiżi, kulturi jew religjonijiet differenti. Meta tħares lejn l-istampi li waħħalt x'taħseb li għandek tikteb?

## Aħseb u aħdem

**Kif taħseb nistgħu nikkultivaw bis-serjetà l-imħabba u r-rispett li jixirqu lill-bniedem? Xi jtellef l-iktar milli nibnu din il-kultura?**

# Nitkellmu ma' Alla

## Djalogu

1

AĦDEM F' PARI

Immaġina li trid tixtri xi ħaġa li ilek biex tixtri żmien. Hawnhekk niżżel xi punti li tixtieq tgħid lil min ser jixtrilek din il-ħaġa biex tikkonvinċih jixtrihielek.

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

2

## Nitkellmu ma' Alla

Aħna nitkellmu ma' dawk li jieħdu ħsiebna jew ma' sħabna mhux biss meta jkollna bżonnhom, imma tiġina naturali li nkellmuhom il-ħin kollu li nkunu flimkien. Ma' Alla tajjeb li nagħmlu l-istess. Jista' jiġri li minħabba li Alla huwa spirtu, u m'għandux ġisem bħalna, ninsewh, jew insibu xi skuża biex ma nkellmuhx. Imma hu jibqa' dejjem hemm, jistenna li aħna nindunaw bih.



.......................................................................................

.......................................................................................

.......................................................................................

.......................................................................................

.......................................................................................

.......................................................................................

.......................................................................................

# Aħseb u aħdem

Wara li smajt is-song: *Telefonata mingħand il-Mulej*, ta' Enzo Gusman, f'din n-nota, ikteb il-messaġġ tiegħek, jew pinġi dan il-messaġġ biex turi lil Alla kemm tixtieq li tiftakar fih u titkellem miegħu.



# Negħleb id-diffikultajiet

## L-Orarju 1

Hawnhekk għandek orarju mqassam siegħa siegħa fuq jumejn: il-Ħadd u t-Tnejn. Imla l-vojt b'dak li għamilt f'dawn il-jumejn.

| IL-ĦADD | IT-TNEJN |
|---|---|
| 07:00................................................... | 07:00................................................... |
| 08:00................................................... | 08:00................................................... |
| 09:00................................................... | 09:00................................................... |
| 10:00................................................... | 10:00................................................... |
| 11:00................................................... | 11:00................................................... |
| 12:00................................................... | 12:00................................................... |
| 13:00................................................... | 13:00................................................... |
| 14:00................................................... | 14:00................................................... |
| 15:00................................................... | 15:00................................................... |
| 16:00................................................... | 16:00................................................... |
| 17:00................................................... | 17:00................................................... |
| 18:00................................................... | 18:00................................................... |
| 19:00................................................... | 19:00................................................... |
| 20:00................................................... | 20:00................................................... |
| 21:00................................................... | 21:00................................................... |
| 22:00................................................... | 22:00................................................... |
| 23:00................................................... | 23:00................................................... |



2

Minn dak li ktibt ara ftit kemm qattajt ħin f'logħob, fi studju, f'qari, fl-iskola, u fit-talb u uri dan permezz ta' *pie chart*. Iċ-ċirku hu lest, kemm jimtela. Wara wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

**1. Fejn ħadt ħin l-aktar?** | **2. Fejn ħadt l-inqas ħin?**

**3. Fejn huma l-prijoritajiet tiegħek?** | **4. Allura, x'qed tinnota?**

.......................................................................

.......................................................................

.......................................................................

.......................................................................

.......................................................................

.......................................................................

.......................................................................

Fostna l-bnedmin, min iħobb, ifittex li jikkomunika ma' dawk li jħobb, b'kull mod. Illum dan hu iktar faċli minħabba l-mezzi ġodda tal-komunikazzjoni. San Ġorġ Preca kien jgħid: ***Xejn mhu diffiċli għal min iħobb!***

## Aħseb u aħdem

1. Wara dak kollu li smajt fil-lezzjoni, aqra din is-sentenza mill-Bibbja:
   **"Aħna fih ngħixu, fih niċċaqalqu, u fih aħna!"** (Atti 17, 28 )
2. X'turik din is-sentenza dwar Alla?.......................................................................
3. X'tgħidlek fuqek innifsek? Taħseb li jrid ikollok dixxiplina fuqek innifsek biex tħobb lil Alla?

.......................................................................

.......................................................................

.......................................................................

# Kif se nitlob?

**It-talb huwa l-ftuħ tal-qalb tagħna lil Alla. Nitkellmu miegħu dwar dak li għaddejjin minnu, sew jekk jogħġobna u sew jekk le. Mhux biżżejjed li nużaw kotba biex nitolbu, imma rridu bil-moħħ u l-qalb nitkellmu miegħu, bħalma t-tfal jitkellmu ma' dawk li jħobbuhom.**

## Iftaħ qalbek

**1**

Mil-lista mogħtija, immarka dawk il-kelmiet li juru dak li għandek bżonn biex tiftaħ qalbek ma' Alla fit-talb. Agħmel ċirku madwar il-kelma li taħseb li lilek tgħinek l-aktar biex tkun tista' tiftaħ qalbek ma' Alla.





## Aħseb u aħdem

1. Għalfejn taħseb li din hija ta' ħtieġa għalik biex titlob?
2. Niżżel 4 affarijiet għalfejn għandek titlob.

# L-ingredjenti tat-talb

L-ingredjenti għat-talb huma essenzjali daqs l-ingredjenti ta' kull ħaġa li tagħmel. Ingredjent meħtieġ żgur huwa s-skiet. Sabiex nidħlu fil-preżenza ta' Alla rridu nisktu. Fl-istorbju ma nistgħux nisimgħu lil Alla.



AĦDEM FI GRUPP

1. Minn dak li smajt sa issa imla s-swaba' b'dawk il-persuni li għandna nitolbu għalihom.

## Għid talba

It-talb barra li jgħin lilna jrid jgħin ukoll lil ħutna l-bnedmin. Fit-talb, Alla jgħinna niftakru li hemm min qed ibati b'ħafna modi.

2. Fil-pala tal-id ikteb talba għal xi ħadd mill-persuni li ktibt fis-swaba'.



## Aħseb u aħdem

Hemm ġrajja fl-Evanġelju li jisimha 'Id-dixxipli ta' Għemmaws'. Dawn iltaqgħu ma' Ġesù fi vjaġġ. Meta raw li kien qed jidlam qalu lil Ġesù: **Ibqa' magħna Sinjur, għax sar ħafna ħin!** ( Lq 24, 29 ). Aqra ftit din l-esperjenza sabiħa u wieġeb.

**Għalfejn taħseb li d-dixxipli riduh jibqa' magħhom?**

**Taħseb li lil Ġesù int tridu jibqa' miegħek ukoll? Għaliex?**

..............................................................................................................................................................

..............................................................................................................................................................



# Nitolbu lil Missierna flimkien

**Ġesù sikwit kien ifittex post imwarrab biex jitlob. Darba l-appostli talbuh biex jgħallimhom jitolbu u hu għallimhom 'Il-Missierna'. Għalina din it-talba hija talba speċjali għax ġejja minn Ġesù stess. Bil-Missierna aħna nressqu lil Alla x-xewqat u l-bżonnijiet kollha tagħna bħala wliedu. Hi t-talba li turina kif għandna nitolbu.**

Missierna li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek,
tiġi saltnatek,
ikun li trid int,
kif fis-sema u hekk ukoll fl-art.
Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum:
Aħfrilna dnubietna
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina:
la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni. **Ammen.**

## 1 Sib

- Immarka bl-aħmar fejn fil-Missierna nfaħħru lil Alla.
- Immarka bl-isfar fejn nuruh li rridu nagħmlu dak li jrid minna.
- Immarka bil-blu fejn nitolbuh għall-bżonnijiet materjali.
- Immarka bl-aħdar fejn nitolbuh maħfra.

# Il-Missierna

2

AĦDEM FI GRUPP

Ħares lejn il-Missierna. Ara liema biċċa ser tingħatalkom bħala grupp. Pinġu s-silta u wara fissru lill-bqija tal-klassi t-tpinġija tagħkom.

## Aħseb u aħdem

Liema parti mill-Missierna l-iktar tolqtok lilek personali, u għid għaliex?

...................................................................................................................................................

...................................................................................................................................................

# It-talb fil-Bibbja

Il-Bibbja hija l-ġabra ta' kotba li fost affarijiet oħra tirrakkonta kif ċerti nies kienu jikkomunikaw ma' Alla. Il-ktieb tas-Salmi huwa wieħed mill-kotba tal-Bibbja li ħafna nies qabel Kristu kienu jużaw biex jitolbu bih. Anke aħna għadna nużawh! Barra dan il-ktieb u kotba oħrajn, aħna għandna l-Evanġelju li wkoll huwa aktar minn ktieb wieħed. L-Evanġelju jintuża biex iservina bħala għajnuna għat-talb.

## Ara tiftakarx dawn! 1

a. X'insibu fil-Bibbja? ....................................................................................................................

b. Għaliex mela nistgħu nitolbu biha?......................................................................................

ċ. Semmi ktieb mill-Bibbja barra dak tas-Salmi li jgħinek titlob. ..............................................

## 2 Salmi

AĦDEM FI GRUPP

a. Uża l-Ktieb tas-Salmi. Fittex ftit kemm-il tip ta' salmi hemm.

b. Sib Salm ta' tifħir u fi kliemek aqsam mal-klassi x'qed jgħid dan is-salm partikulari.

## Aqra din is-silta

*"Mela darba fost l-oħrajn Ġesù ħareġ lejn l-għoljiet biex jitlob, u għadda l-lejl fit-talb lil Alla. Meta sebaħ, sejjaħ lejh id-dixxipli tiegħu u minnhom għażel tnax, li semmiehom appostli: Xmun, li semmieh Pietru, u ħuh Indri, Ġakbu, Ġwanni, Filippu, Bartilmew, Mattew, Tumas, Ġakbu ta' Alfew, Xmun l-Imħeġġeġ, Ġuda ta' Ġakbu u Ġuda l-Iskarjota, li mbagħad ittradieh."* Luqa 6, 12 – 16



## Aħseb u aħdem

Minn din is-silta x'qed jgħidlek Ġesù dwar it-talb?

# Nitolbu llum

Fil-Evanġelju nsibu li s-skiet tal-għoljiet u allura 'l bogħod mill-istorbju għen lil Ġesù biex jitkellem mal-Missier tiegħu tas-sema bis-serjetà. Ġesù, bħala bniedem ħass il-bżonn li qabel kull ħaġa li jagħmel jitlob. Pereżempju talab qabel beda jipprietka u qabel għażel l-appostli. Bħal Ġesù aħna wkoll għandna nsibu ħin biex nitolbu u l-aktar qabel mumenti importanti f'ħajjitna.

## Ejja nitolbu

1

AĦDEM FI GRUPP

a. Meta tisma' l-frażi 'ejja nitolbu' x'jiġik f'moħħok? Imla ċ-ċrieki.

### Aħseb u aħdem

Xi jfisser għalik li titlob?

b. Meta jistgħu jkunu dawn il-mumenti ta' talb? Imla s-sinjali tal-mistoqsija.



c) X'jista' jfixkilna milli nitolbu llum?

# Il-Quddiesa

**2**

Marija u Albert kienu tewmin. Ta' kull filgħodu kienu jqumu, jinħaslu, jieħdu l-kolazzjon u wara flimkien ma' xi ħbieb li kienu joqogħdu ħdejhom, kienu jmorru jieħdu sehem fil-quddiesa li kienet issir qabel l-iskola. Marija kienet tgħid li l-quddiesa hija l-akbar talba.

**a. Għaliex il-quddiesa nsejħulha l-akbar talba?**

**b. X'għandu jsir biex il-quddiesa tkun talba ħajja u fiha nieħdu sehem bis-serjetà?**

**c. It-talb kif jista' jgħinna ninbidlu f'ħajjitna?**



# Il-mixja tagħna lejn Alla

## Il-bżonn tat-talb

1

Minn dak kollu li smajt, iddiskutejt u esperjenzajt f'dan l-aħħar kapitlu, ikteb 3 affarijiet li laqtuk, li kkonvinċewk dwar il-bżonn tat-talb, u li ser jgħinuk biex tikkomunika aħjar ma' Alla.

..............................................................................................................

..............................................................................................................

..............................................................................................................



## Aħseb u aħdem

**Wara li rajt il-film 'Letters to God' wieġeb ftit dawn il-mistoqsijiet.**

**a. X'inhu l-messaġġ li joħroġ minn dan il-film?**

..............................................................................................................

..............................................................................................................

**b. Lilek x'jgħidlek dan il-film?**

..............................................................................................................

..............................................................................................................

# Liema talba?

2

Dawn huma stampi ta' tfal li qegħdin jitolbu.
Taħt kull waħda ikteb it-talba li tistħajjel li qegħdin jitolbu









# X' jiġifieri tkun qaddis?

**Alla, fl-imħabba tiegħu, ta lill-bniedem dak kollu li jeħtieġ biex ikun jista' jgħix tajjeb u jkun kuntent. Imma l-akbar ħaġa li Alla ta lill-bniedem kienet li ħalqu xbieha tiegħu stess. Il-bniedem huwa l-kapolavur tal-ħolqien.**

**Alla lill-bniedem iħobbu ħafna u jixtieq li dan iħobbu lura. Is-sejħa biex il-bniedem isir qaddis Alla lill-bniedem jagħmilhielu minn din id-dinja.**

1

## Imla bil-kliem

L-iskop tal-bniedem hu li jkun jaf .................................................................. Alla. Irid jagħraf kemm hu .................................................................. minn dan il-Missier Ħanin. Meta jagħraf dan allura jkun jista' .................................................................. għal din l-imħabba billi .................................................................. lura.

Din l-imħabba tintwera meta l-bniedem jgħix ..................................................................,

u .................................................................. f'ħutu l-bnedmin li fihom għandu jara lill-istess Alla.

B'hekk ikun aċċetta .................................................................. li Alla l-ħin kollu qed jagħmillu biex isir .................................................................. Il-premju ta' dan kollu hu l-.................................................................. .

**• maħbub • min hu • kif suppost • qaddis • jwieġeb**
**• ġenna • l-istedina • jservih • jħobbu**

# Bil-qawwa ta' mħabbtek

2

Nisimgħu u nirriflettu fuq il-kliem tal-innu 'Bil-Qawwa ta' Mħabbtek".

**Wara sib il-parti li l-aktar toġgħbok u pinġi x'qed tgħidlek.**

## Bil-qawwa ta' mħabbtek

*(The power of your love)*

Nersaq lejk Mulej
Biddel din il-qalb mill-ġdid
Il-grazzja qiegħda tfur minn ġo fik Ġesù
Jien intbaħt Mulej,
In-nuqqas li nsib fl-għemil
Jitħassar minnufih,
Bil-qawwa ta' mħabbtek.

*Rit:*
Żommni qrib
Għannaqni Int bi mħabbtek
Ressaqni lejk, ħa nkun dejjem ħdejk
Bit-tama fik
Jien nogħla 'l fuq bħall-ajkla
Nogħlew it-tnejn flimkien,
Fl-ispirtu Int u jien
Bil-qawwa ta' mħabbtek.

Dawwal dawn l-għajnejn,
B'hekk narak jien wiċċ imb wiċċ
Għarrafli mħabbtek waqt li int fija tgħix
Ġedded dan il-moħħ,
Biex nagħmel dak li Inti trid
Ħa ngħix jum wara jum,
Fil-qawwa ta' mħabbtek. *Rit*

*Addattata għall-Malti minn*
*Mario Cucciardi u Andrew Cauchi*

## Aħseb u aħdem

**Fil-kaxxa ta' taħt agħmel it-talba tiegħek biex turi x-xewqa tiegħek lil Alla għall-qdusija tiegħek.**

# Il-beatitudnijiet

**Meta l-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebna jgħidulna: "Kunu mberkin", ikunu qed jgħidulna u jixtiqulna affarijiet sbieħ u ta' barka. Ġesù wkoll użaha din il-frażi iktar minn darba biex jurina fil-verità min huma l-imberkin.**

## Il-Barkiet 1

Aqra l-Evanelju ta' San Mattew 5, 1-12

**Iftaħ l-Evanġelju ta' San Mattew 5, 1-12. Hawnhekk issib 'l hekk imsejħa l-beatitudnijiet jew il-barkiet. Aqrahom u imla l-vojt bil-kliem ta' Ġesù.**

- Imberkin ........................................................................, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
- Imberkin ........................................................................, għax huma jkunu mfarrġa.
- Imberkin ta' qalbhom ħelwa, għax huma ........................................................................
- Imberkin dawk li huma bil-guħ u ........................................................................, għax huma jkunu mxebbgħin.
- Imberkin dawk li jħennu, ........................................................................
- Imberkin dawk li huma safja f'qalbhom, ........................................................................
- Imberkin dawk ........................................................................, għax huma jissejħu wlied Alla.
- Imberkin dawk li huma ........................................................................, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
- Imberkin intom, meta jgħajrukom u ........................................................................ u jaqilgħu kull xorta ........................................................................ kontra tagħkom minħabba fija.
- Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitawhom lill-profeti li kienu qabilkom.

# Liema sitwazzjoni

2

**Qabbel Kolonna A ma' kolonna B billi tara liema sitwazzjoni tmur ma' liema beatitudni.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Dawk li huma foqra f'qalbhom | ☐ | Antoine ipprova jagħmel xi ħaġa tajba u sħabu qagħdu jidħqu bih. Hu xorta kompla jagħmel it-tajjeb. |
| 2 | L-imnikkta | ☐ | Il-ħabib ta' Nathan nesa l-ktieb li kellu jġiblu. Nathan qallu: "Ma jimpurtax, issa ipprova ġibhuli għada". |
| 3 | Qalbhom ħelwa | ☐ | Kyle ma jaħsibx ħażin fl-affarijiet li jara u fin-nies li jiltaqa' magħhom. |
| 4 | Dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja | ☐ | Laura hija ftit imdejqa minħabba li ġrat xi ħaġa fil-familja tagħha. Qed titlob biex is-sitwazzjoni titjieb. |
| 5 | Dawk li jħennu | ☐ | Simon jirrispetta lil kulħadd u hu ħelu fil-manjieri tiegħu. Infatti għandu ħafna ħbieb. |
| 6 | Dawk li huma safja f'qalbhom | ☐ | Jessica ma tiħux gost meta l-affarijiet ma jsirux b'mod *fair* u tipprova titkellem u tirranġa fejn tista'. |
| 7 | Dawk li jġibu l-paċi | ☐ | Jeremy jipprova jgħin b'dak li għandu u ma jżommx kollox għalih. |
| 8 | Dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa | ☐ | Rebecca rat kif tirranġa ħbiberija bejn tnejn li kienu ġġieldu waqt il-brejk. |

## Aħseb u aħdem

**Tista' tagħti raġuni għalfejn dawn it-tmien sentenzi jissejħu beatitudnijiet?**

.................................................................................................................................................

# Il-Knisja bħala xirka tal-qaddisin

Il-kelma "qaddis" tfisser li tkun tħobb tassew lil Alla, tgħix f'rabta mill-qrib miegħu. Il-qaddisin mhumiex biss dawk li għandhom San jew Santa quddiem isimhom, imma huma wkoll dawk li qegħdin il-ġenna, dawk li mietu fil-ħbiberija ma' Alla anke jekk b'modi li jifhimhom Alla biss. Qaddisin nistgħu ngħidu wkoll lil dawk fostna li għadhom jgħixu imma li ħajjithom offrewha tassew biex iħobbu lil Alla fl-oħrajn. Din hi x-xirka tal-qaddisin li nsemmu fil-Kredu.

## Ix-Xirka 1

AĦDEM FI GRUPP

Minn dak li smajt fil-lezzjoni għaliex dawn in-nies kollha jissejħu 'xirka'? Għid x'jgħaqqadhom flimkien.

........................................................................................................................................................................................................

........................................................................................................................................................................................................

........................................................................................................................................................................................................

Għid il-Kredu flimkien ma' sħabek u niżżel dik il-parti li fiha tissemma din ix-xirka.

........................................................................................................................................................................................................

## X'taħseb? 2

Ara liema ċrieki qed jgħinu biex insiru qaddisin u għid għaliex.

- naqdi dmiri
- li ngħajjat għax id-dar tiegħi wkoll
- nispjega l-HW lil ħbiebi
- ngħid xi ċajta waqt il-lezzjoni
- nieħu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd
- naħrab il-ħbieb li jtellfuni
- nilgħab goff
- nagħti sehmi fid-dar

# Aħseb u aħdem

Fl-età ta' ħdax-il sena x'taħseb li jista' jfixklek milli tkun parti mix-Xirka tal-qaddisin?

........................................................................................................................

........................................................................................................................



inċedi dak li hu tiegħi

nattendi għat-tagħlim tal-katekiżmu

ma nużax l-internet biex naħli l-ħin

........................................................................................................................

........................................................................................................................

........................................................................................................................

........................................................................................................................

........................................................................................................................

# L-oħrajn jiġu qabli: San Damjan ta' Molokai

Mhix faċli ħafna, anzi mhi faċli xejn li inti ġġib lill-oħrajn qablek u tistmahom aktar milli tistma lilek innifsek. Imma ta' età żgħira, meta kien għadu kif jilħaq qassis, San Damjan poġġa dawk morda serjament qablu u ta ħajtu għalihom. Hu għex fil-verità s-sentenza ta' Ġesù li tgħid: "M'hemmx imħabba akbar minn din li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (Ġwanni 15, 13).

## Is-sentenza ta' Ġesù

AĦDEM FI GRUPP

1

Kif jista' wieħed fil-ħajja ta' kuljum jgħix din is-sentenza?

..............................................................................................................

..............................................................................................................

..............................................................................................................

Mill-banda l-oħra x'qed ifixkel fil-ħajja ta' kuljum li wieħed jgħix din is-sentenza?

..............................................................................................................

..............................................................................................................

# Il-Molokai Tiegħi

**Aħseb u aħdem 2**

San Damien għex is-sentenza ta' Ġesù f'Molokai.
Int fejn jista' jkun il-Molokai tiegħek? Għid għaliex.

X'taħseb li jkun il-prezz li inti trid tħallas biex tagħmel dan?
X'taħseb - se tbati jew ser tgawdi biex tagħmel dan? Għid għaliex.



# Hemm bżonn nagħżel: Santa Marija Goretti

Li tagħżel mhux dejjem hi ħaġa faċli. Li tagħżel it-tajjeb mill-ħażin mhi faċli xejn għax ġeneralment trid tbati biex twarrab il-ħażin. Santa Marija Goretti għamlet għażla f'ħajjitha u ħallset prezz. L-għażla tagħha ġabet magħha tbatija imma fl-istess ħin għamlitha qaddisa.

## X'taf tgħid fuq dawn l-aspetti mill-ħajja ta' Marija Goretti?

1

Fittex minn fuq il-kotba u mill-internet informazzjoni dwar Santa Marija Goretti biex twieġeb dawn il-mistoqsijiet:

a. F'liema pajjiż twieldet u għexet Marija Goretti?

..........................................................................................................

b. X'kien jismu missier Marija u biex kien miet?

..........................................................................................................

c. Meta ġiet iddikjarata qaddisa Maria Goretti?

..........................................................................................................

d. Meta tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Marija Goretti?

..........................................................................................................

e. Ta' min hi patruna Santa Marija Goretti?

..........................................................................................................



# Aħseb u aħdem

Kieku kellek tiddiskrivi l-ħajja tagħha x'kont tikteb dwar:

**L-imġiba tagħha fil-familja**

.......................................................................................................................................

**L-imħabba tagħha għat-tagħlim**

.......................................................................................................................................

**L-għajnuna lil ta' madwarha**

.......................................................................................................................................

**Il-karattru tagħha**

.......................................................................................................................................

**X'taf tgħid fuq dawn l-aspetti mill-ħajja ta' Marija Goretti?**

.......................................................................................................................................

# Il-Ferħ: Il-Beata Chiara Badano



Fil-ħajja nistinkaw ħafna biex ikollna l-kuntentizza u l-ferħ. Kulħadd jaħdem biex ikun ferħan. Imma mhux kulħadd jagħżel it-triq it-tajba li twassal għall-ferħ sħiħ u ta' veru. Chiara kienet persuna ferħana. Kienet tħobb toħroġ ma' sħabha, tisma' l-mużika, tiżfen, tgħum u kienet tħobb ħafna tilgħab it-tennis. Minħabba li kienet dejjem tkun ferħana u li kellha mħabba kbira lejn Ġesù, kienu jsejħulha Chiara Luce, jiġifieri dawl.

## Kieku x'tagħmel?

1

AĦDEM FI GRUPP

Iddiskuti fil-grupp il-ħajja ta' din il-qaddisa u wara ikteb kif għandek iġġib ruħek quddiem dawn is-sitwazzjonijiet:

a. Ikollok nuqqas ta' qbil mal-ġenituri

b. Ikollok ħbieb fil-bżonn

ċ. Nies li tkun taf li jkunu morda

Sib 3 stejjer mill-Evanġelju li juru s-sitwazzjonijiet li ssemmew fuq, jiġifieri ta':

nuqqas ta' qbil mal-ġenituri | ħbieb fil-bżonn | nies morda



## Aħseb u aħdem

**Fil-ħames fjammi niżżel 5 aġġettivi li bihom tista' tiddiskrivi lil Chiara Badano u li int tista' tgħixhom fil-ħajja tiegħek**



# Kulħadd għandu vokazzjoni

Aħna nemmnu li Alla jsejjaħ lil kull bniedem biex jimxi warajh. Dan jagħmlu b'modi differenti għax mhux kulħadd hu msejjaħ biex jimxi warajh bl-istess mod, bħal meta tista' tasal fl-istess post minn toroq differenti. Kemm hu sew li nagħrfu xi jrid Alla minna! Dan nagħmluh fost oħrajn billi nitgħallmu, nieħdu l-pariri, u naraw x'xewqat għandna fiċ-ċirkustanzi tal-ħajja tagħna. Id-deċiżjoni dwar il-vokazzjoni trid tittieħed bis-serjetà u għalhekk tajjeb li l-persuna tagħmel il-ħila tagħha kollha ħalli tagħraf mill-aħjar li tista' l-vokazzjoni li Alla jridha tħaddan.



## Missjoni

1

Semmi 5 persuni li taf inti b'vokazzjonijiet differenti u għid liema hi l-vokazzjoni tagħhom u x'inhi l-missjoni li hija marbuta ma' kull vokazzjoni.

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

# Il-vokazzjoni

Ikteb xi tfisser għalik il-kelma *Vokazzjoni*.

**2**



## Aħseb u aħdem

Kif taħseb li tista' tkun taf x'inhi l-vokazzjoni tiegħek?

..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................

# Il-qdusija fil-ħajja ta' kuljum

Kull ħaġa li nagħmlu, jekk fil-verità rridu nagħmluha sew, iġġib magħha s-sagrifiċċju. Hekk ukoll jiġri jekk irridu nsiru qaddisin. Ħafna jaħsbu li l-qdusija hija xi ħaġa diffiċli li kważi impossibbli tilħaqha u allura jikkonkludu li fil-fatt huma l-ftit li jsiru qaddisin. Il-verità hi li Alla qiegħed isejjaħ lil kulħadd għal dan it-tip ta' ħajja u la Alla qiegħed isejħilna, allura rridu nemmnu wkoll li hu jagħtina l-għajnuna li l-ħin kollu għandna bżonn.

## Qaddisin

Darba xi ħadd qal dan li ġej

Dak li għandek tagħmel, GĦANDEK TAGĦMLU
Dak li għandek tagħmel, AGĦMLU SEWWA
Dak li għandek tagħmel, AGĦMLU FIL-ĦIN
B'hekk insiru QADDISIN!



**1** Iddiskuti fil-klassi.
X'jgħidilna dan il-paragrafu dwar is-sejħa li jagħmlilna Alla?

# Stampa

2

Sib stampi jew pinġi u għid x'tista' tagħmel biex fil-verità nsiru qaddisin kif iridna Alla.

## Aħseb u aħdem

Agħżel stampa jew tpinġija minn ta' fuq u ikteb għaliex jekk tagħmilha tkun qed tgħix aħjar.

# Noti











Ir-Reliġjon bħala suġġett ta' studju fl-iskola sikwit jieħu bixra ta' suġġett ta' storja għaliex jirrakkonta stejjer li ġraw fil-passat u li aħna b'xi mod għadna nħossuhom rakkonti marbuta mill-qrib mal-kultura li tiffurmana. Hu veru li fil-mixja ta' fidi tagħna hemm rakkonti fl-istorja li jibqgħu dejjem punti ta' riferiment f'kull żmien. Imma hu daqstant ieħor veru li r-reliġjon, kif joħroġ ċar minn dan il-ktieb tas-sitt sena tal-Primarja, hi storja li tkompli, storja li għadha qed tiżvolġi ruħha fil-ħajja tal-umanità.



ISBN 978-99957-0-368-4

segretarjat għall-katekeżi